# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 966/09/1 SM**

**Vladyslava Kravchenko u ommha Tetyana Gordiyenko**
**v.**

**Kevin Micallef, Alan Bugeja, Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, Maurice Attard u Karl Cini CPA bħala likwidatur u in rappreżentanza tal-kumpanija Sonlit Limited (C-15135)**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan il-każ jitratta inċident waqt avveniment fil-miftuħ organizzat minn uħud mill-konvenuti, li seħħ fl-inħawi ta' Fra Ben, il-Qawra, nhar l-14 ta' Settembru, 2008, fejn l-attriċi Kravchenko safet midruba. Hekk kif kien għaddej l-avveniment, waqa' l-armar li fuqu kien hemm armat id-dawl, liema armar sar mis-soċjetà konvenuta Sonlit Limited taħt id-

direzzjoni tal-konvenut Attard, direttur fi ħdan l-istess soċjetà. Meta nqaleb l-armar, waqa' fuq diversi nies li kienu preżenti, fosthom l-attriċi Kravchenko, bil-konsegwenza li safet midruba serjament u sofriet diżabilità serja u permanenti, tant li spiċċat paralizzata minn qadda 'l isfel u konfinata f'siġġu tar-roti.

2. Għalhekk l-attriċi Kravchenko, flimkien ma' ommha Gordiyenko, ressqu din il-kawża fejn talbu li:

(i) Il-konvenuti jew min minnhom jiġu dikjarati responsabbli għall-inċident li fih korriet gravament Vladyslava Kravchenko;

(ii) Li jiġu likwidati d-danni mġarrba mill-atturi Kravchenko u Goriyenko;

(iii) Li l-konvenuti jew min minnhom jiġu kkundannati jħallsu d-danni hekk likwidati.

3. Permezz tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Diċembru, 2017, ingħad li l-Qorti tinsab sodisfatta li l-attriċi Kravchenko pprovat il-każ tagħha skont il-liġi. Filwaqt li dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi Gordiyenko, irrespinġiet ir-risposti kollha tal-konvenuti, iżda lliberat lill-konvenut Maurice Attard mill-osservanza tal-ġudizzju. Iddikjarat lill-

bqija tal-konvenuti responsabbli *in solidum* għall-inċident inkwistjoni li fih korriet gravament Kravchenko; llikwidat id-danni mġarrba minn Kravchenko fl-ammont komplessiv ta' €463,465.57 u kkundannat lill-istess konvenuti sabiex iħallsu *in solidum* l-ammont hekk likwidat lill-istess attriċi Kravchenko, u dan bl-imgħaxijiet mit-8 ta' Ottubru, 2009, sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti kollha, eskluż il-konvenut Attard.

4. Il-konvenuti ressqu tliet appelli, jiġifieri tressaq appell mill-konvenut Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, appell mill-konvenuti Kevin Micallef u Alan Bugeja, kif ukoll appell minn Stephen Balzan bħala likwidatur u in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta Sonlit Limited, fejn ilkoll għal raġunijiet differenti jsostnu li ma kellhomx jinstabu responsabbli għall-inċident taħt eżami, kif ukoll jikkontestaw il-likwidazzjoni ta' danni mwettqa mill-Ewwel Qorti. Tressaq ukoll appell inċidentali min-naħa tal-atturi fejn isostnu li l-konvenut Maurice Attard kellu wkoll jinstab responsabbli, flimkien mal-konvenuti l-oħra għall-inċident mertu ta' din il-kawża, kif ukoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tillikwida d-danni favur l-appellata Gordiyenko u takkorda danni mhux patrimonjali.

5. Għall-intendiment aħjar tal-kawża, din il-Qorti qiegħda tirriproduċi parti kbira mis-sentenza appellata tal-Ewwel Qorti:

"Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 t'Ottubru, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fl-14 ta' Settembru, 2008, ir-rikorrenti Kravchenko xtrat biljett u attendiet ghall-avveniment fil-miftuh fl-imhawi ta' Fra Ben, Il-Qawra, organizzat mill-intimati Micallef, Bugeja u l-Kunsill Lokali fuq indikat;

1.2. Illi waqt li kien ghaddej dan l-avveniment ("*party*") l-armar li fuqu kien hemm id-dawl inqaleb u waqa' fuq diversi nies li kienu prezenti, inkluza r-rikorrenti Kravchenko, (ara foll 9);

1.3. Illi l-armar tad-dawl ghal dan l-avveniment kien fdat f'idejn is-socjeta` intimata *Sonlit Limited*, (ara foll 12), u sar fil-presenza tad-direttur taghha l-intimat Attard, (ara foll 2);

1.4. Illi naxxenti mill-istess incident ghaddejjin ukoll proceduri kriminali fil-konfront tal-imsemmi intimat Attard;

1.5. Illi in konsegwenza ta' dan l-incident ir-rikorrenti Kravchenko sofriet dizabilita` serja u permanenti, tant li spiccat paralizzata minn qadda 'l isfel u konfinata f'siggu tar-roti, (ara foll 16 u 17);

1.6. Illi ghalhekk l-istess rikorrenti indikata fil-paragrafu precedenti korriet, u ghadha issofri, danni konsistenti:

1.6.1. Fi spejjez ta' kura;

1.6.2. Spejjez ohra relatati ma telf ta' qliegh, kemm issa u kemm fil-futur;

1.7. Illi min-naha taghha r-rikorrenti Gordiyenko, (il-mama` tar-rikorrenti Kravchenko), ukoll qed issofri danni konsistenti:

1.7.1. Fi spejjez inkorsi; u

1.7.2. F'telf ta' granet ta' xoghol minhabba l-bzonn li tiehu hsieb lil bintha;

1.8. Illi ghall-akkadut huma unikament responsabbli l-intimati, u dan ghaliex:

1.8.1. L-intimati Kevin Micallef, Alan Bugeja u l-Kunsill Lokali *de quo*, kienu l-organizzaturi tal-avveniment in kwistjoni;

1.8.2. Is-socjeta` intimata *Sonlit Limited* u l-intimat Maurice Attard kienu responsabbli ghall-armar tad-dawl li kkaguna d-danni *de quo;*

1.9. Illi l-incident in dizamina sehh minhabba t-tort, negligenza u nuqqas t'osservanza ta' prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-intimati *stante* li organizzaw attivita` fil-berah meta:

1.9.1. Kien hemm rih qawwi;

1.9.2. U dan, *nonostante* avvizi meterijologici fir-rigward;

1.10 Illi ghalkemm interpellati ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni ikkagunati, l-intimati baqghu inadempjenti, (ara foll 20, 21 u 24);

1.11. Illi ghalhekk kienu kostretti jadixxu din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.11.1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom unikament responsabbli ghall-incident in dizamina li fih korriet gravament l-intimata Vladyslava Kravchenko;

1.11.2. Tillikwida d-danni ikkagunati lir-rikorrenti Kavchenko u Gordiyenko fuq indikati;

1.11.3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

1.11.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

3.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Micallef datata s-16 ta' Dicembru, 2009, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 34);

3.1. Illi ghandu jigi stabbilit jekk ir-rikorrenti Kravchenko ghandiex l-eta` li tippermettila tintroduci l-azzjoni gudizzjarja in kwistjoni;

3.2. Illi mhux responsabbli ghall-incident in dizamina ghaliex:

3.2.1. Ma stallax l-armar li eventwalment waqa' u kkawza l-incident meritu tal-procedura odjerna; u

3.2.2. Ma kienx responsabbli ghas-sikurezza tul l-avveniment *de quo;*

3.3. Illi l-incident in dizamina sehh minhabba cirkostanzi li hu ma kellu l-ebda kontroll fuqhom;

3.4. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat il-*process verbal* tal-Inkjesta Magisterjali kondotta fir-rigward tal-incident in dizamina, (ara foll 43 et seq. u 142 et seq.)

5.0. Rat ir-risposta guramentata tal-Kunsill Lokali intimat datata l-14 ta' Dicembru, 2009, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 46);

5.1. Illi r-rikors guramentat promotur hu null stante li ghalkemm redatt bil-lingwa Maltija gie wkoll ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti Kravchenko minkejja li m'ghandiex gharfien tal-lingwa Maltija;

5.2. Illi mhux il-legittimu kontradittur *stante* li si tratta ta' incident li ghalih hu mhux responsabbli u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

5.3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti stante li infondati;

5.4. Illi r-rikorrenti Gordiyenko ma soffriet l-ebda danni u ghalhekk, mhemmx likwidazzjoni x'issir;

5.5. Bl-ispejjez;

5.6. Salv risposti ulterjuri;

6.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-28 ta' Dicembru, 2009, li permezz taghha l-intimat Cini, in rapprezentanza tas-socjeta` *Sonlit Limited*, sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 50):

6.1. Illi irrizenja mill-kariga tieghu ta' likwidatur tas-socjeta` de quo fiz-19 t'Ottubru, 2009, (ara foll 53);

6.2. Illi l-likwidatur tal-imsemmija socjeta` fil-prezent hu Anthony Valvo, (ara foll 54);

6.3. Illi ghalhekk illum m'ghandux kompetenza li jirrapprezenta lis-socjeta` *de quo*;

6.4. Illi wara l-udjenza gia` mizmuma fl-atti ta' din il-procedura informa kemm lill-likwidatur fuq riferit u lill-membri tas-socjeta` *de quo* bis-sitwazzjoni, (ara foll 55);

6.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

7.0. Rat ir-risposta guramentata ta' Paul Bugeja qua likwidatur u in rapprezentanza tas-socjeta` *Sonlit Limited* datata t-30 ta' Dicembru, 2009, li sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 56);

7.1. Illi s-socjeta` de quo m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti Gordiyenko;

7.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti Kravchenko huma:

7.2.1. Intempestivi stante li sostniet pubblikament li ghandha probabilitajiet tajbin li tirkupra mid-debilita` taghha, (ara foll 58);

7.2.2. Illi r-reklam taghha li ghandha dizabilita` permanenti ta' 52% ma jreggix;

7.3. Illi kwantu diretti kontra s-socjeta` *de quo*, t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati stante li din is-socjeta` mhix risponsabbli ghall-akkadut;

7.4. Illi fir-rigward it-talba ghall-hlas ta' imghax ghandu japplika l-principju *in illiquidus non fit mora*;

7.5. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

7.6. Bl-ispejjez;

7.7. Salv risposti ulterjuri;

8.0. Rat ir-risposta guramentata datat t-2 ta' Frar, 2010, li permezz taghha l-intimat Attard sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 71):

8.1. Illi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu x-xogholijiet meritu tal-procedura odjerna kienu fdati f'idejn is-socjeta` *Sonlit Limited* li ghandha personalita` guridika distinta mill-azzjonisti u diretturi taghha;

8.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti Kravchenko kif diretti kontra tieghu huma infondati u ghandhom jigu respinti *stante* li mhux risponsabbli ghall-incident *de quo* u ghad-danni naxxenti mill-istess;

8.3. Illi l-incident *de quo* ma garax tort in-negligenza jew nuqqas t'osservanza ta' prekawzjonijiet daparti tal-intimat odjern izda minhabba cirkostanzi indipendenti minnu;

8.4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti Gordiyenko kif indirizzati kontra tieghu huma wkoll infondati u ghandhom ukoll jigu respinti, *stante* li:

8.4.1. L-intimat odjern mhux responsabbli ghall-incident *de quo*; 8.4.2. Ma tezisti l-ebda relazzjoni mal-istess rikorrenti;

8.5. Illi d-danni reklamati mir-rikorrenti huma ikkontestati;

8.6. Illi l-ebda imghax m'hu dovut *stante* li l-ammont pretiz hu *da likwidarsi;*

8.7. Bl-ispejjez;

9. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-3 ta' Frar, 2010, li permezz tieghu innominat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 76);

10. Rat in-nota datata s-27 ta' Settembru, 2010, li permezz taghha Stephen Balzan informa lill-qorti li kien gie appuntat likwidatur tas-socjeta` *Sonlit Limited,* (ara foll 111 u 112);

11.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Alan Bugeja datata t-22 ta' Gunju, 2012, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 506);

11.1. Illi ghandu jigi stabbilit jekk meta gie ipprezentat ir-rikors guramentat promotur ir-rikorrenti Kravchenko kienitx f'posizzjoni li tittenta l-azzjoni odjerna in vista tal-eta` taghha;

11.2. Illi m'ghandux jigi ritenut responsabbli ghall-incident in kwistjoni *stante* li ma kienx responsabbli ghall-istallar tal-armar u ghas-sikurezza fir-rigward;

11.3. Illi l-armar *de quo* tqieghed minn terzi;

11.4. Illi ghalhekk, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

11.5. Illi l-incident de quo sehh minhabba cirkostanzi li fuqhom ma kellu l-ebda kontroll;

11.6. Salv riposti ulterjuri;

12. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat l-24 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju fuq riferita biex tirritorna l-inkartament kollu fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 592);

13. Rat id-digriet taghha datat is-7 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-intimati Micallef u Bugeja, (ara foll 716), awtorizzat li ssir peritia perizjuri, u appuntat lill-esperti medici hemm indikati ghal dan l-iskop, (ara foll 726 u 727), wara nota konguntiva appozita, (ara foll 726), u kif sussegwentement mibdula, (ara foll 729, 730, 732, 734, 735, 736, 737, 741 u 742);

14.0. Rat id-digriet taghha datat iz-19 t'April, 2016, li permezz tieghu:

14.1. *Stante* li wara l-ewwel digriet fuq indikat il-peritia perizjuri hemm mahtura ma kkonkretizzatx ruhha;

14.2. Irrevokat in-nomina tal-periti perizjuri indikati; u

14.3. Ordnat li l-kawza tithalla ghas-sentenza, (ara foll 743);

14.4. Illi *stante* li giet informata li kien ghad baqa' tingieb xi prova ohra, l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni, (ara foll 744);

15. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 784);

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-28 t'April, 2017, (ara foll 793), flimkien ma dik tal-intimati Micallef u Alan Bugeja, datata l-14 ta' Gunju, 2017, (ara foll 816), dik tal-Kunsill Lokali intimat datata wkoll l-14 ta' Gunju, 2017, (ara foll 833) u tal-intimat Attard u tas-Socjeta` *Sonlit Limited*, (ara foll 840);

17. Semghet ix-xhieda prodotta;

18. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati in atti u x-xhieda mismugha kemm mill-istess qorti diversament preseduta u mill-assistent gudizzjarju fuq riferita;

19. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 852);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

20.1. Illi meta r-rikorrenti fl-14 ta' Settembru, 2008, kienet qed tippartecipa f'avveniment fil-miftuh fl-imhawi ta' Fra Ben, f'Ras il-Qawra, il-Qawra, korriet gravament meta bir-rih li kien qed jaghmel ikkollossat l-istruttura li kienet qed izzomm id-dawl fuq il-palk li minnu kienet qed issir din l-attivita`, (ara foll 448);

20.2. Illi r-rapport tal-incident in dizamina jirrizulta traskritt fir-rapport tal-Pulizija, (ara foll 474);

20.3. Illi fir-rigward tal-istess incident, a skans ta' repetizzjoni inutili, issir ukoll referenza ghall-analisi processwali tal-istess

incident kif elenkat fis-sentenza fl-ismijiet **Samantha Formosa gia` Grima vs. Kevin Micallef et., Rikors Numru 842/2010**, moghtija mill-istess qorti kif hawn preseduta dalghodu stess;

20.4. Illi rizultat tal-istess incident korrew diversi persuni prezenti fl-istess avveniment, fosthom ir-rikorrenti Kravchenko, (ara foll 669);

20.5. Illi konsegwenza tal-istess l-imsemmija rikorrenti Kravchenko soffriet dizabilita` permanenti ta' 75%, (ara foll 673), li rizultat tal-istess illum hi konfinata ghal siggu tar-roti, (ara foll 670);

Ikkunsidrat:

21. Illi ghalhekk din hi kawza intiza biex tigi stabbilita` *o meno* r-responsabbilita` tal-intimati jew min minnhom ghall-incident in kwistjoni u ghall-likwidazzjoni tad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti rizultat tal-istess incident;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi minn analisi tal-atti in dizamina jirrizulta s-segwenti:

22.1. Illi l-attivita` in kwistjoni kienet giet organizzata mill-intimati Micallef u Alan Bugeja *stante* li kienu huma li intavolaw l-applikazzjoni biex isir l-avveniment de quo, (ara foll 399, 567 u 569);

22.2. Illi l-istess attivita` kienet organizzata taht l-awspici tal-Kunsill Lokali intimat, (ara foll 569), li hareg il-permess ghall-istess attivita` permezz t'*e-mail* datata t-12 ta' Settembru, 2008, (ara foll 399, 402 u 405);

22.3. Illi s-socjeta` intimata *Sonlit Limited* kienet giet espressament inkarigata biex tistalla l-apparat tad-dawl fuq il-palk ghall-avveniment in dizamina billi l-istess organizzaturi fuq indikati dejjem kienu jinkarigaw lil din l-istess socjeta` ghal dan ix-xoghol, (ara foll 535);

22.4. Illi l-introjtu u l-profitt kollu rizultanti mill-avveniment *de quo* kien kollu jmur ghand l-intimati Micallef u Alan Bugeja, bil-Kunsill Lokali intimat jinghata biss donazzjoni, (ara foll 568);

Ikkunsidrat:

23.0. Illi l-process verbal rizultanti mill-Inkjesta Magisterjali mizmuma fir-rigward, bin-numru 520/09, jirrizulta li:

23.1. Kien konkluz fl-1 ta' Gunju, 2009, (ara foll 140); u

23.2. Gie pprezentat fl-atti odjerni, (ara foll 142 et seq.);

Ikkunsidrat:

24.0. Illi komplessivament, l-intimati issollevaw diversi eccezzjonijiet preliminari li ghall-ahjar organizzazzjoni tal-gudizzju qed jigu elenkati bil-mod segwenti:

24.1. Jekk ir-rikorrenti Kravchenko kelliex l-**eta` statutorja** biex tintavola l-procedura odjerna, (ara foll 34 u 506), (ara paragrafu numru hamsa u ghoxrin, (25.), *et seq*. aktar 'l quddiem);

24.2. Il-**posizzjoni tal-likwidatur** tas-socjeta` intimata *Sonlit Limited*, (ara foll 50, 56, 111 u 112), (ara paragrafu numru wiehed u tletin, (31.), et seq. aktar 'l quddiem);

24.3. Illi l-intimat Attard hu direttur tas-socjeta` *Sonlit Limited* u ghalhekk ghandu **personalita` separata u distinta** mill-istess socjeta` intimata, (ara foll 71), (ara paragrafu numru sebgha u tletin, (37.), aktar 'l quddiem);

24.4. In-**nullita` tar-rikors guramentat promotur** *stante* li kien redatt bil-malti u kkonfermat mill-istess rikorrenti Kravchenko minkejja li m'ghandiex gharfien tal-lingwa Maltija, (ara foll 4 u 46), (ara paragrafu numru tnejn u erbghin, (42.), et seq. aktar 'l quddiem);

Ikkunsidrat:

**A. L-eta` tar-rikorrenti Kravchenko**

25. Illi kemm l-intimat Micallef u l-intimat Alan Bugeja, jissottomettu din l-eccezzjoni preliminari rigwardanti l-eta` tal-imsemmija rikorrenti fil-mument li hi intavolat il-procedura odjerna, (ara foll 34 u 506);

26. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghar-relazzjoni tal-espert mediku nominata mill-qorti diversament preseduta datata t-30 ta' Jannar, 2014, jirrizulta li r-rikorrenti Kravchenko twieldet fit-18 ta' Lulju, 1991, (ara foll 669);

27. Illi mill-atti kopjuzi tal-procedura odjerna hadd mill-intimati ma ikkonfuta l-istess fatt hekk stabbilit;

28. Illi l-procedura odjerna, tirrizulta intavolata fit-8 t'Ottubru, 2009, (ara foll 1), u ikkonfermata bil-gurament tal-istess rikorrenti in dizamina fis-6 t'Ottubru, 2009, (ara foll 4);

29. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li fil-mument meta r-rikorrenti intavolat il-procedura odjerna hi kienet gia` ghalqet it-18 -il sena u allura, kienet maggorenni u ghalhekk, setghet liberament tintavola l-procedura odjerna b'mod indipendenti;

30. Illi konsegwenza tal-istess, din l-ewwel eccezzjoni preliminari in dizamina ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

**B. Il-Likwidatur:**

31. Illi l-likwidatur intimat originali Cini, originarjament imharrek f'din il-kwalita` ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` intimata *Sonlit Limited*, kien irrizenja minn din il-kariga li kien qed jokkupa, (ara foll 53);

32. Illi jirrizulta li fis-16 ta' Novembru, 2009, l-istess inkarigu ta' likwidatur tal-imsemmija socjeta` intimata kien assunt minn Anthony Valvo, (ara foll 54);

33. Illi permezz ta' nota datata s-27 ta' Settembru, 2010, il-qorti odjerna giet formalment informata li Stephen Balzan hemm indikat kien gie appuntat likwidatur tal-istess socjeta` intimata in sostituzzjoni tal-imsemmi Valvo, u dan, b'effett mill-11 ta' Settembru, 2010, (ara foll 111 u 112);

34. Illi konsegwentement, jirrizulta li l-likwidatur intimat Cini kien gie korrettament imharrek meta giet intavolata l-procedura in dizamina u giet istitwita l-kawza odjerna, *stante*, li f'dak il-mument, l-istess Cini kellu r-rapprezentanza tas-socjeta` intimata in dizamina;

35. Illi jigi sottolineat li fl-atti jirrizulta li giet intavolata risposta guramentata minn persuna, senjatament Paul Bugeja, li hemm identifika lilu nnifsu bhala "likwidatur" tal-istess socjeta` intimata – affermazzjoni li ma tirrizultax suffragata minn dokumentazzjoni tar-Registru tas-Socjetajiet, (ara foll 56);

36. Illi *nonostante* s-suespost din il-qorti, filwaqt li takkolji t-talba tal-intimat Cini, tordna li l-kawza titkompla fil-konfront tal-likwidatur debitament ufficjalment registrat Stephen Balzan, (ara foll 56);

Ikkunsidrat:

**C. L-intimat Attard qua direttur tas-socjeta` intimata:**

37. Illi in effetti kif jirrizulata mill-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjeta` intimata *Sonlit Limited*, fiz-zmien tal-incident in dizamina l-intimat Attard kien direttur tas-socjeta` de quo, (ara foll 289);

38. Illi jirrizulta wkoll li kienet l-istess socjeta` intimata in dizamina li kienet giet inkarigata mill-intimati Micallef u Alan Bugeja biex tarma l-istrutturi necessarji biex jitwahhlu d-dwal fis-sit fejn sar l-avveniment in dizamina f'Ras il-Qawra, (ara foll 535 u 561);

39. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li kienet is-socjeta` intimata *de quo* li kienet giet ingaggata mill-intimati fuq imsemmija;

40. Illi in vista tal-premess, gialadarba s-socjeta` intimata ghandha allura personalita` guridika separata u distinta minn dik tad-direttur taghha l-intimat Attard, il-procedura odjerna ma tistax tirnexxi fil-konfront tal-imsemmi intimat Attard fil-kwalita` personali tieghu;

41. Illi ghaldaqstant, takkolji din l-eccezzjoni tal-intimat Attard, u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

**D. In-nullita` tal-procedura minhabba l-allegata limitazzjoni lingwistika tar-rikorrenti Kravchenko:**

42. Illi din l-eccezzjoni preliminari kienet sollevata mill-Kunsill Lokali intimat, (ara foll 46);

43. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni vs. Sol Suncrest**, datata t-**12 ta' Settembru, 2012**, li fir-rigward irriteniet is-segwenti:

> "Illi din il-Qorti ma tkunx qeghda tghid xi haga gdida meta tafferma li tant fid-dottrina kemm fil-gurisprudenza nostrali u estera, dejjem gie ritenut li kemm jista' jkun u sa fejn hu permess l-atti ghandhom jigu salvati, *anzicche* annullati jew dikjarati nulli. Lanqas jista' jigi negat li l-gurisprudenza taghna applikat certa liberalita` ghal dan il-hsieb ...
>
> "Fil-fatt dan ma huwa xejn hlief promulgazzjoni ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti nostrali, fejn naqra naqra dahlet kultura soda u kostanti kontra l-formalizmu stringenti, li kien qed jirrendi l-procedura suprema fuq il-ligi sostantiva, u b'tali sentenzi, illum sanati bil-promulgazzjoni ta' l-emendi tas-sena 1995, sanaw il-pozizzjoni logika li l-ligi tal-procedura hija intiza biss sabiex isservi biex jintlahaq il-grad necessarju ta' gustizzja fil-ligi sostantiva, u ghalhekk il-ligi tal-procedura hija biss l-ghodda biex jintlahaq tali skop, u mhux il-finalizzazzjoni tal-istess...";

44. Illi fid-dawl tas-suespost fejn gie hekk stabbilit il-principju li kemm jista' jkun ma ssirx ingustizzja minhabba xi kavill insinifikanti fil-procedura, din l-eccezzjoni tal-Kunsill Lokali intimat ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

45. Illi epurati l-eccezzjonijiet preliminari *de quo* jigi sottolineat li r-risoluzzjoni tal-vertenza odjerna tirrikjedi d-**direzzjoni statutorja** naxxenti mill-artikli 1031 sa 1033 tal-Kap 16 li qed jigu hawn riprodotti:

> "1031. Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu;
>
> "1032. (1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;
>
> "(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar;
>
> "1033. Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk;"

Ikkunsidrat:

46.0. Illi minn ezami tad-dokumenti u tax-xhieda ipprezentati *in atti* jirrizulta sintetikament is-segwenti:

46.1. Illi skont ir-rapprezentant tal-Ufficju Meterijologiku fil-mument li sehh l-incident in dizamina kien ghaddej front t'arja kiesha li gab mieghu il-maltemp, konsistenti, f'rih ta' Forza 5 senjatament, rih mill-Majjistral pjuttost b'sahhtu, li kien jinhass aktar f'postijiet fil-miftuh u esposti bhal ma hu l-post fejn kien qed jinzamm l-avveniment *de quo*, (ara foll 377, 378 u 384);

46.2. Illi kif jirrizulta minn dikjarazzjoni guramentata ta' direttrici tas-socjeta` intimata *Sonlit Limited* datata t-13 ta' Ottubru, 2011, u minn rapport tal-Pulizija datat it-18 ta' Settembru, 2012, ir-rih fl-imhawi tant kien qawwi, deskritt anke fil-livell ta' "*Near Gale*", (ara foll 273 u 274 fl-atti tar-Rikors Numru 842/2010), li ghall-habta tad-9.00p.m. ghamlet ukoll buffura kbira ta' rih li waqqghet l-*iscaffolding* li kien hemm kostruwit ma' faccata ta' bini minnha hemm indikat, (ara foll 458 u 531);

46.3. Illi l-istruttura li intuzat biex fuqha jitwahhal id-dawl biex idawwal il-palk li inqalbet bir-rih qawwi li kien hemm ghall-habta tat-8.50p.m. kienet tal-ghamla "Trabes", (ara foll 624 u ritratt a foll 625);

46.4. Illi l-istruttura in dizamina kienet wahda prefabbrikata, u kienet tikkonsisti fi "*trusses*" tal-aluminju assemblati flimkien

permezz t'accessorji f'modi differenti biex jaqdu l-esigenzi tal-attivita`, (ara foll 624);

46.5. Illi l-istess struttura kienet tikkonsisti fi tliet (3) partijiet principali, (ara foll 626):

46.5.1. It-"*truss*" il-minduda li fuqa kienu imdendlin id-dwal - madwar (15) -il "*spotlight"*;

46.5.2. Zewg (2) torrijiet vertikali li kienu qeghdin jerfghu t-"truss" il-minduda;

46.5.3. Illi dawn it-torrijiet kienu wieqfa fuq saqajhom;

46.5.4. Illi l-istruttura in dizamina ma kellha l-ebda irbit, (ara foll 627);

46.5.5. Illi effett tal-piz tal-istruttura, dan kien meqjus li kien "*top heavy*" bic-centru tal-gravita` tal-istess jersaq il-fuq, (ara foll 626);

Ikkunsidrat:

47.0. Illi l-incident in dizamina sehh ghaliex:

47.1. Kien hemm hafna rih; u

47.2. L-istruttura in dizamina ma kellha l-ebda irbit jew piz biex jassigura l-istabilita` taghha, (ara foll 627);

48. Illi ghalkemm skont l-espert tekniku in kwistjoni l-istruttura *de quo* hi progettata biex tibqa' bilwieqfa wahidha, ikompli jemfasizza li f'kazijiet bhal dawk in dizamina wiehed ghandu necessarjament id-dover jikkonsidra elementi ohra li jistghu jinfluwenzaw l-istabilita` tal-istess struttura, (ara foll 627);

Ikkunsidrat:

49. Illi jirrizulta pacifiku li tenut kont li r-rih in dizamina kien Forza 5 mill-Majjistral u f'area miftuha, l-istruttura in dizamina kienet tirrikjedi li l-istess tkun marbuta jew rinforzata b'pizijiet biex jistabbilizzaw l-istess u jevitaw dak li eventwalment sehh fl-istess avveniment, (ara foll 770);

50. Illi jirrizulta assodat li tali irbit jew pizijiet stabilizzanti ma gewx ezegwiti fuq l-istruttura in dizamina;

51. Illi allura kien ghalhekk li l-istruttura *de quo* inqalbet meta ma setghetx izzomm eretta minhabba l-forza tar-rih li kien hemm;

52. Illi ghalhekk jirrizulta li m'intuzatx dik id-dovuta prudenza biex jigi assikurat li l-istruttura tibqa' stabbli *nonostante* l-inklemenza tal-elementi, billi l-organizzaturi intimati naqqsu li jiehdu dawk il-mizuri biex jistabbilizzaw l-istess struttura;

53. Illi konsegwenza tal-istess, din l-istruttura allura ma gietx armata skont is-sengha u l-arti u b'hekk, is-sahha u s-sigurta` ta' dawk li ppatrocinew l-avveniment ma gietx assikurata;

54. Illi *di piu`,* ma jistghax ma jigix rimarkat li fl-avveniment in dizamina ma jirrizulta li kien hemm l-ebda sorveljanza ghal dak li ghandu x'jaqsam ma sahha u sigurta` bil-konsegwenza li r-rikorrenti Kravchenko korriet b'mod li hajjitha inbidlet mill-lejl ghan-nhar;

Ikkunsidrat:

55.0. Illi finalment jigi sottolineat li l-fatti in dizamina ma jistghux jigu ekwiparati ma kaz fortwitu u konsegwentement, l-artiklu 1029 tal-Kap 16 li jistipula is-segwenti:

> "Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu u tigri l-hsara;"

mhux applikabbli ghar-realta` hawn riskontrata stante li:

55.1. Il-fatt li kien ir-rih; u

55.2. Il-fatt li l-istess struttura ma kienitx debitament marbuta; kienu fatti li l-intimati kienu jafu bihom;

Ikkunsidrat:

56. Illi in vista tal-premess, jirrizulta allura apjament assodat li l-intimati ippekkaw fir-rigward ta' dik id-diligenza ordinarjament mistennija minn persuna ragonevoli f'cirkostanzi simili; Ikkunsidrat:

57.0. Illi f'dan l-istadju tigi issa analizzata ir-**responsabbilita`** tal-intimati rispettivament, senjatament:

57.1. Dik tal-intimati **Micallef u Alan Bugeja**, (ara paragrafu numru tmienja u hamsin, (58.), aktar 'l quddiem);

57.2. Dik tal-**Kunsill Lokali** intimat, (ara paragrafu numru tmienja u sittin, (68.), aktar 'l quddiem; u

57.3. Dik tas-socjeta` intimata ***Sonlit Limited***, (ara paragrafu numru hamsa u sebghin, (75.), aktar 'l quddiem);

Ikkunsidrat:

**i. L-intimati Micallef u Alan Bugeja:**

58. Illi dawn l-intimati kienu l-organizzaturi tal-avveniment in dizamina, (ara foll 399, 567 u 569);

59. Illi konsegwenza tal-istess dawn l-istess intimati hawn indikati kienu allura wkoll responsabbli tal-ambjent sikur tal-avveniment in kwistjoni;

60. Illi kif fuq indikat dawn l-intimati naqsu li jaderixxu ma dan l-obbligu hekk fuqhom statutorjament impost billi ma assikurawx irwiehom li l-istruttura in dizamina kienet hielsa mill-perikli li sussegwentement avveraw ruhhom;

61.0. Illi in vista tal-forza tar-rih riskontrat, bhala orgainizzaturi dawn l-intimati setghu:

61.1. Jew ihassru l-avveniment *de quo* u jipposponuh ghal data ohra aktar idonea;

61.2. Jew jizguraw ruhhom li l-armar utilizzat kien wiehed sikur b'tali mod li jassigura l-inkolumita` ta' kull minn kien ser jippatrocinja l-avveniment minnhom organizzat;

62.0. Illi kif fuq sottolineat, il-kaz in dizamina mhux wiehed fortuwitu billi l-intimati:

62.1. Kienu jafu li kien hemm rih qawwi hafna; u

62.2. Kienu jafu li kienu obbligati jiehdu dawk il-prekawzjonijiet kollha biex jassiguraw l-inkolumita` ta' dawk li kienu ser jippatrocinaw l-event minnhom organizzat;

63. Illi *nonostante* l-prekarjeta` tat-temp li zviluppa kienu l-istess intimati hawn indikati li ghazlu li jkomplu jipprocedu bl-avveniment *de quo*;

64. Illi ghalhekk l-istess intimati ghandhom igorru r-responsabbilita` tad-decizjoni minnhom mehuda;

65. Illi f'dan ir-rigward issir ukoll referenza ghall-artiklu 1037 tal-Kap 16 li jistipula s-segwenti:

> "Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi";

66. Illi ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisprudenza Superjuri)** fl-ismijiet **George Grech et vs. Direttur tat-Toroq et** li tghid fir-rigward is-segwenti:

> "When a person employs a contractor to do work in a place where the public are in the habit of passing, which work will, unless precautions are taken, cause damage to the public, an obligation is thrown upon the person who orders the work to be done to see that the necessary precautions are taken and that, if the necessary precautions are not taken, he cannot escape liability by seeking to throw blame on the contractor, (**Charelsworth: On Negligence** (2 – 304) fejn jigi kkwotat **Lord Justice A.L. Smith**)";

67. Illi konsegwentement, bhala organizzaturi, l-imsemmija intimati Micallef u Alan Bugeja li ingaggaw lis-socjeta` intimata *Sonlit Limited*, huma b'hekk responsabbli ghad-danni hekk rizultanti;

Ikkunsidrat:

**ii. Il-Kunsill Lokali intimat:**

68. Illi l-avveniment in dizamina organizzat kif fuq indikat mill-intimati Micallef u Alan Bugeja sar taht l-awspici tal-Kunsill Lokali *de quo*, (ara foll 569);

69. Illi jirrizulta li l-Kunsill Lokali *de quo* kien ilu jikkummissjona lill-intimati Micallef u Alan Bugeja biex jorganizzaw l-hekk imsejjah "*End of Summer Festival"* sa mill-2004, (ara foll 561);

70. Illi l-permess ghall-insemmi avveniment hawn in dizamina inhareg mill-istess Kunsill fit-12 ta' Settembru, 2008, wara talba appozita ta' Alan Bugeja datata t-2 ta' Settembru tal-istess sena, (ara foll 399, 402 u 688);

71. Illi fost il-kundizzjonijiet imposti mill-Pulizija ghall-ghoti tal-permess taghha ghal tali avveniment kien hemm li dan ried ikun kopert b'assikurazzjoni, (ara foll 581, ittra datata l-5 ta' Settembru, 2008, klawsola numru 5);

72. Illi l-Kunsill *de quo* kellu polza t'assikurazzjoni rikjesta ghall-avveniment *de quo*, (ara foll 569);

73. Illi jigi wkoll sottolineat li fost il-kundizzjonijiet imposti mill-Pulizija ghar-rilaxx tal-hekk imsejha "*no objection*" taghha hemm il-klawsola numru 12 li tghid:

> "Licensee must ensure that the area in the immediate vicinity of the venue does not constitute any sort of danger to patrons attending the event", (ara foll 577 et seq.);"

74.0. Illi konsegwentement, tenut kont li l-Kunsill Lokali de quo:

74.1. Talab il-hrug tal-permessi in dizamina; u

74.2. Kellu assikurazzjoni ghall-istess,

allura l-Kunsill Lokali in dizamina hu wkoll responsabbli ghall-akkadut u ghad-danni rizultanti minn nuqqasijiet riskontrati;

Ikkunsidrat:

**iii. Is-socjeta` intimata *Sonlit Limited*:**

75.0. Illi l-avveniment in dizamina jirrizulta li:

75.1. Kien organizzat mill-intimat Micallef u Alan Bugeja, (ara foll 567 u 569);

75.2. Kien sar bl-inizzjattiva u taht l-awspici tal-Kunsill Lokali *de quo* li kien assigurat ghall-istess, (ara foll 569);

75.3. Bis-socjeta` intimata hawn in dizamina responsabbli ghall-istruttura tad-dawl li eventwalment waqghet fuq il-persuni prezenti ghall-avveniment *de quo* kif inkarigata mill-istess organizzaturi Micallef u Alan Bugeja, (ara foll 535 u 561);

76. Illi minn ezami tal-atti u tax-xhieda prodotta, ma jirrizultax li din is-socjeta` intimata kellha l-kwalifiki mehtiega biex ticcertifika l-istruttura in dizamina;

77. Illi ghalhekk f'dan l-istadju ssir referenza ghall-artiklu 1038 tal-Kap 16 li jistipula s-segwenti:

> "Kull min minghajr ma jkollu l-hila mehtiega jindahal ghal xoghol jew servizz, hu obbligat ghall-hsara li, minhabba n-nuqqas ta' hila tieghu, jikkaguna lil haddiehor";

78. Illi stabbilit dan, ghandu allura jkun pacifiku wkoll li din is-socjeta` intimata, tenut kont tal-fatt li naqset li torbot l-istruttura b'mod li tassikura l-inkolumita` tal-persuni li jippatrocinaw l-attivita` *de quo,* ghandha wkoll iggorr ir-responsabbilita` ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

79.0. Illi fir-rigward tal-**likwidazzjoni tad-danni** sofferti mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

79.1. Illi qabel xejn issir referenza ghall-artiklu 1045 tal-Kap 16 li jistipula s-segwenti:

"1. Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, t-telf ta' paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib;

"2. Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita` mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, x-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara;

79.2. **Damnum Emergens:**

79.2.1. Illi fid-dikjarazzjoni guramentata taghha r-rikorrenti Kravchenko telenka d-danni minnha subiti, (ara foll 448 *et seq.*);

79.2.2. Illi fil-paragrafu numru 15 tal-istess dikjarazzjoni guramentata taghha, l-istess rikorrenti indikata fil-paragrafu precedenti obbligat ruhha li tipprezenta d-debiti ricevuti in sostenn tal-affermazzjonijiet minnha hemm elenkati, (ara foll 451);

79.2.3. Illi ssir ukoll referenza ghal nota tal-istess rikorrenti datata l-15 ta' Dicembru, 2016, (ara foll 775), li permezz taghha pprezentat elenku tad-*damnum emergens* minnha pretiz, (ara foll 777);

79.2.4. Illi finalment f'dan ir-rigward issir ukoll referenza ghax-xhieda tal-istess rikorrenti in dizamina datata l-21 ta' Marzu, 2017, (ara foll 780);

79.2.5. Illi *nonostante* l-impenn sottolineat mir-rikorrenti de quo biex tipprezenta l-ircevuti pretizi, din naqset li tipprezenta dawn l-ircevuti;

79.2.6. Illi fin-nuqqas tal-prezentazzjoni ta' tali prova essenzjali ghall-allegazzjoni taghha fir-rigward, it-talbiet tar-rikorrenti in konnessjoni mal-istess ghandhom necessarjament jigu skartati, u dan, semplicement ghaliex il-qorti m'ghandha l-ebda prova fir-rigward jekk dawn il-pagamenti effettivament sarux;

79.2.7. Illi *di piu`,* jigi ukoll sottolineat li r-rikorrenti talbu spejjez li effettivament ma jistghux jigu akkolti – senjatament dawk elenkati taht l-intestatura "*Travel*", (ara foll 778), billi dan jirrigwarda infieq li mhux necessarjament direttament konness mall-incident in dizamina;

79.2.8. Illi jigi rilevat li anke kieku r-rikorrenti m'ghaddietx minn din l-esperjenza kera u sfortunata fejn l-okkazzjoni ta' ferh inbidlet fi tragedja, li xorta kien ikollha tuza *petrol* ghall-vettura taghha;

79.2.9. Illi fir-rigward tat-talba taghha rigwardanti ix-xiri tal-vettura kompatibbli mal-uzu ta' siggu tar-roti ammontanti ghal €15,322.00, (ara foll 778), jinghad li anke hawn, naqset tipproduci prova tad-differenza fil-prezz bejn vettura modifikata ghal dan l-uzu ma dik mhux hekk modifikata;

79.2.10. Illi jigi sottolineat bir-rispett li x-xiri ta' vettura mhux konsegwenzjali ghall-incident li soffriet ir-rikorrenti;

79.2.11. Illi in effetti f'dan ir-rigward hu x-xiri ta' vettura modifikata li hu konsegwenzjali ghall-incident in dizamina;

79.2.12. Illi ghalhekk jigi sottolineat li hi d-differenza fil-prezz bejn iz-zewg tipi ta' vetturi hawn in dizamina – li kieku ppruvata – li kellha tigi gustament likwidata favur ir-rikorrenti u mhux kif minnha hawn mitlub;

79.2.13. Illi ghalhekk, *stante*, li r-rikorrenti naqset milli tipprezenta l-prova tan-nefqa "zejda" minhabba l-modifikazzjoni *de quo*, din is-somma ma tistax tigi ghalhekk likwidata f'danni;

79.2.14. Illi *di piu`* dan qed jinghad ukoll fir-rigward tal-assikurazzjoni reklamata fuq l-istess vettura u fuq is-self mehud mill-istess rikorrenti ghax-xiri tal-istess vettura;

79.2.15. Illi fir-rigward tas-somma ta' €24,341.85 ghall-kura u servigi moghtija mit-Tabib Principali tal-Gvern fl-Isptar Boffa u fl-isptar Mater Dei jinghad li dan l-ammont jirrizulta debitament ipprovat, (ara foll 426 u 431);

79.2.16. Illi ssir ukoll referenza ghall-ricevuta datata l-5 ta' Frar, 2009, rigwardanti l-ammont ta' €1,330.00 ghall-oggetti hemm indikati, (ara foll 787), liema ammont ghandu wkoll jigi likwidat favur ir-rikorrenti stante li jirrizulta wkoll li thallas, (ara foll 787);

79.2.17. Illi pero` mill-ammont indikat fil-paragrafu precedenti ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €634.00 liema ammont fir-rigward gie mhallas mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita`, (ara foll 788), biex b'hekk l-ammont involut hu ta' €696.00;

79.2.18. Illi konsegwentement, l-ammont komplessiv li ser jigi likwidat taht dan il-Kap hu ta' €25,037.85, kompost bil-mod segwenti:

79.2.18.i. €24,341.85 ghall-kura fl-isptarijiet;

79.2.18.ii. €696.00 ghall-attrezzaturi specjali;

79.2.18.iii. **€25,037.85 Total;**

79.3. **Lucrum Cessans:**

79.3.1. Illi jirrizulta li skont il-"*Final Settlement System (FS3)*" tar-rikorrenti Kravchenko ghas-sena 2015, (ara foll 776), l-introjtu taghha mill-impjieg kien ta' €17,173.04;

79.3.2. Illi rigward id-dizabilita` permanenti riskontrata rizultat tal-incident in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

79.3.2.i Illi meta marret ghall-avveniment in dizamina hekk kif resqet lejn il-palk ikkollassa l-apparat fuq deskritt li kien qed izomm id-dwal u waqa' fuqha, (ara foll 669);

79.3.2.ii. Illi dan l-apparat laqatha f'rasha u f'dahra, u kienet immedjatament rikoverata l-isptar, (ara foll 669);

79.3.2.iii. Illi wara li giet operata u ghamlet zmien ta' rijabilitazzjoni soffriet paralisi ta' saqajha, (ara foll 670), u spiccat minghajr sensazzjoni mill- livell toraciku T6 l-isfel, (ara foll 672);

79.3.2.iv. Illi bejn l-2009 u l-2011 siefret hames darbiet ghal trattament tal-istemmi cellulari izda ma komplitx tmur ghal din il-kura *stante* li ma felhitx thallas aktar ghall-ispejjez involuti, (ara foll 670);

79.3.2.v. Illi rizultat tal-istess incident ir- rikorrenti Kravchenko hi konfinata ghal siggu tar-roti, (ara foll 670);

79.3.2.vi. Illi jkollha wkoll bzonn ta' "*self catheterisation*", (ara foll 670);

79.3.2.vii. Illi qabel l-incident in dizamina kienet b'sahhitha u ma tbati mill- ebda kundizzjoni, (ara foll 670);

79.3.2.viii. Illi l-ezami newrologiku jikkonferma l-ezistenza ta' sinjali ta' parapligija kompleta b'nuqqas ta' sensazzjoni "... minn nofs il-qafas tas-sider 'l isfel minhabba trawma fis-sinsla fil-livell tal-vertebra T6", (ara foll 673);

79.3.2.ix. Illi r-rata ta' dizabilita` permanenti hi meqjusa bhala 75%, (ara foll 673);

79.3.2.x. Illi precedentement ir-rata ta' dizabilita` permanenti kienet stabbilita fil-livell ta' 52%, (ara foll 19), li l-istess konsulent ikkjarifika li a bazi tal-iskeda proposta fl-istima ta' dizabilita` jew linji gwida li kien hareg il-Ministeru tal-Gustizzja jirrizulta li t-tip ta' parapligija riskontrata fir-rikorrenti *de quo* hi bejn is-70% u l-75%, u li fl-opinjoni tieghu kellha tigi stabbilita fil-massimu taghha, (ara foll 413 u 414);

79.3.2.xi. Illi in vista tar-relazzjonijiet u x- xhieda tal-esperti medici *de quo*, r- rata ta' dizabilita` permanenti li ser tigi hawn applikata hi dik ibbazata fuq il-linji gwida fuq indikati, senjatament dik ta' 75%, biex b'hekk tigi zgurata uniformita` fid- determinazzjoni tal-persentagg tad- debilita` permanenti riskontrata;

79.3.3. Illi stabbilit dan, issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fil-kawza fl-ismijiet **James Spiteri vs. Joseph Magro et** datata l-5 ta' Dicembru, 2014, u a bazi tal-eta` tar-rikorrenti Kravchenko li twieldet fit-**18 ta' Lulju, 1991**, (ara foll 669), ser jigi adottati **multiplier ta' 37**;

79.3.4. Illi rigward il-"*Lump Sum Payment*" issir referenza ghall-insenjament tal-**Qorti tal-Appell** fis-sentenza fl-ismijiet **Annunzjata sive Nancy Caruana vs. Odette Camilleri**, datata s-**27 ta' Frar, 2004**, li rribadiet li:

> "...ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relativa u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relativ;"

79.3.5. Illi *di piu`,* fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Joseph Agius et vs. All Services Limited**, datata t-**2 ta' Gunju, 2005**, gie ritenut is-segwenti:

> "F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("*lump sum payment*") lill-beneficcjarji. Jekk id-decisjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar min sentejn, il-percentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza";

79.3.6. Illi jirrizulta li l-procedura odjerna giet intavolata fit-8 t'Ottubru, 2009, (ara foll 1);

79.3.7. Illi l-istess ser issa tigi deciza f'Dicembru, 2017, (ara foll 852);

79.3.8. Illi ghalhekk, tenut kont tal-istess ghandu jkun hemm tnaqqis ta' **8%;**

79.3.9. Illi in vista tas-suespost il-*lucrum cessans* ghandu jigi ikkalkolat bil-mod segwenti:

**€17,173.04 x 75% x 37 (- 8%) = €438,427.72**

80. Illi mal-ammont hekk stabbilit fil-paragrafu precedenti ghandu wkoll jizdied l-ammont gia` stabbilit ghad-*damnum emergens* ta' **€25,037.85,** (ara paragrafu numru disgha u sebghin punt tnejn punt tmintax, (79.2.18.), aktar qabel), biex ghalhekk l-ammont komplessiv ta' danni likwidati favur ir-rikorrenti Kravchenko ghandu jkun ta' **€463,465.57**;

Ikkunsidrat:

81. Illi fir-rigward tar-rikorrenti Gordiyenko, fejn rizultat tal-incident *de quo* issosstni li saret dipendenti fuq il-mama` u fuq in-nanna taghha, li konsegwenza tal-istess tal-ewwel issosstni li anke kellha tieqaf mill-attivita` kummercjali li kienet tadopera biex tkun tista' tiehu hsieb lil bintha r-rikorrenti Kravchenko, jinghad li ma ingiebet l-ebda prova tat-telf finanzjarju minnha allegat;

82. Illi in konsegwenza tal-istess it-talbiet tar-rikorrenti Gordiyenko ma jistghux jigu akkolti;

Ikkunsidrat:

83.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li bl-eccezzjonijiet fuq riferiti, r-rikorrenti Vladyslava Kravchenko ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi..."

## Rikors tal-Appell tal-Kunsill lokali San Pawl il-Baħar

6. L-appell tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar jissejjes fuq is-segwenti aggravji:

(i) L-ewwel aggravju tal-Kunsill Lokali jitratta d-digriet interlokutorju tad-19 ta' April, 2016, fejn wara li l-Ewwel Qorti kienet ħatret il-periti addizzjonali, peress li l-istess periti ma kkonkludewx ir-relazzjoni tagħhom, irrevokat in-nomina tal-periti addizzjonali u ordnat li l-kawża titħalla għas-sentenza. Il-Kunsill appellant ħassu aggravat bl-imsemmi provvediment, peress li għalkemm ma kienx għamel it-talba għall-periti addizzjonali, għandu interess ladarba l-eżitu ta' dik il-perizja addizzjonali seta' kellha impatt fuq l-eżitu finali tal-kawża. Għalhekk ressaq appell minn tali digriet skont l-Artikolu 231 tal-Kap. 12, peress li jsostni li l-imsemmi digriet huwa wieħed żbaljat u ma jsegwix il-liġi.

(ii) It-tieni aggravju tal-Kunsill Lokali huwa dak li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-Kunsill appellant, fejn ingħad li għalkemm ir-rikors promotur ġie redatt bil-lingwa Maltija, ġie kkonfermat bil-ġurament li l-attriċi m'għandhiex għarfien ta' dik il-lingwa. Għalhekk ir-rikors promotur huwa null peress li skont l-Artikolu 156 tal-Kap. 12, il-kawża għandha tinbeda b'rikors ġuramentat, b'ġurament li jagħti fidi lill-fatti hemm dikjarati u jikkostitwixxi prova u għalhekk m'għandux jittieħed b'mod leġġer.

(iii) Illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta lliberat lill-konvenut Maurice Attard mill-osservanza tal-ġudizzju. Issir referenza għall-Artikoli 1030, 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex jisħaq li

Maurice Attard, apparti li huwa Direttur tas-soċjetà nkarigata bl-armar, Sonlit Limited, effettivement qiegħed l-armar u naqas fl-eżekuzzjoni tax-xogħol fdat lis-soċjetà konvenuta. Issir referenza wkoll għall-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tal-imsemmi Maurice Attard fejn instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Jisħaq li Attard bħala direttur ma jistax jinħeba wara l-velu tal-kumpanija fi kwalunkwe ċirkostanza. Mill-assjem tal-provi għandu jirriżulta lill-Qorti li Attard naqas mill-obbligi tiegħu waqt li kien qiegħed jarma meta hu kien responsabbli mill-armar u hu kellu l-kontroll tal-kumpanija Sonlit Limited u għandu jġorr ir-responsabbiltà flimkien magħha, iżda ċertament ma kellux jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

(iv) L-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta addebitat lill-Kunsill Lokali appellant bir-responsabbiltà għall-akkadut u għad-danni riżultanti, meta r-raġuni li ngħatat mill-Ewwel Qorti kienet il-fatt li l-Kunsill talab il-ħruġ tal-permessi għall-avveniment u kellu l-assikurazzjoni għall-istess. Dan meta l-Ewwel Qorti għarfet li: - l-avveniment kien organizzat mill-konvenuti Micallef u Bugeja u sar taħt l-awspiċi tal-Kunsill Lokali; - il-Kunsill Lokali kien ilu jikkummissjona lill-konvenuti Micallef u Bugeja sabiex jorganizzaw l-imsejjaħ "*End of Summer Festival*" sa mis-sena 2004; - il-permess għall-imsemmi avveniment inħareġ mill-Kunsill fit-12 ta' Settembru, 2008, u dan wara li saret talba

tal-konvenut Alan Bugeja; - fost il-kundizzjonijiet imposti mill-Pulizija għall-għoti tal-permess tagħha għal tali avveniment, kien hemm li dan ried ikun kopert b'assikurazzjoni; - il-Kunsill Lokali kellu polza ta' assikurazzjoni; u - li fost il-kondizzjonijiet imposti mill-Pulizija għar-rilaxx tal-*no objection* kien hemm klawsola li tgħid: "*Licensee must ensure that the area in the immediate vicinity of the venue does not constitute any sort of danger to patrons attending event.*" Jisħaq li l-Kunsill ma kienx l-organizzatur tal-avveniment u wisq inqas kellu x'jaqsam mal-armar tal-apparat, u għalhekk jikkontesta li ġie addebitat ir-responsabbiltà peress li n-ness tal-kawżalità għal danni ma jinħoloqx skont min hu kopert b'polza tal-assikurazzjoni, li hija *inter res alios acta* għall-konvenuti l-oħra. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu żbaljati u ma jservux sabiex jiġi ppruvat in-ness bejn l-inċident u l-Kunsill Lokali.

(v) L-aħħar aggravju tal-Kunsill Lokali huwa li ma kellux jiġi kkundannat iħallas l-imgħax b'mod retroattiv peress li l-azzjoni kienet waħda *da liquidarsi.* Dan meta l-imgħax f'kawża għad-danni normalment jiġi akkordat mid-data tas-sentenza, jiġifieri minn meta jiġi likwidat l-ammont ta' danni dovut. Issir referenza għall-ġurisprudenza fis-sens li l-imgħax ma jistax jiddekorri meta d-debitu jkun inċert u illikwidu. Mill-atti jirriżulta ċar li l-attriċi ma talbitx ammont determinat, tant li lanqas il-perċentwal ta' danni ma kien ċert, anzi hemm distakk

qawwi bejn dak ippreżentat fir-rikors promotur u dak li ngħata fil-mori tal-proċeduri, kif ukoll kien hemm kontestazzjoni dwar min kien responsabbli għall-akkadut. Għalhekk għandu japplika l-prinċipju ta' *in liquidandis non fit mora.*

**Rikors tal-appell ta' Kevin Micallef u Alan Bugeja**

7. Permezz tal-appell tal-Avukat Alan Zerafa bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Kevin Micallef u Alan Bugeja, hemm jirriżultaw erba' aggravji, li huma:

(I) Fl-ewwel aggravju tagħhom jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn iddeċidiet li l-konvenuti Kevin Micallef u Alan Bugeja huma responsabbli għad-danni, meta l-inċident ma seħħx tort tagħhom iżda tort ta' min kien responsabbli mill-installazzjoni tal-armar, jiġifieri Sonlit Limited u Maurice Attard. L-appellanti jikkontendu li kien meħtieġ mill-atturi li jippruvaw li l-appellanti ma ħadux il-prekawzjonijiet marbuta ma' attivitajiet bħal dik in eżami mistennija minn *bonus pater familias*, li naqsu minn xi dover jew li kienu negliġenti u li għalhekk seħħ l-inċident. Fir-rigward tal-Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili, l-obbligu tagħhom kien li jqabbdu lil xi ħadd kompetenti sabiex jagħmel ix-xogħlijiet, iżda l-Ewwel Qorti ma daħlitx fil-mertu ta' din it-tieni eċċezzjoni tagħhom. Isegwi, li kien meħtieġ li jiġi ppruvat, li jew li l-impjegat kien inkompetenti jew li

min iħaddem ma kellux raġun jaħseb li l-impjegat hu ta' ħila. Jesploraw il-fatti tal-każ sabiex isostnu li huma qdew l-obbligu tagħhom li jqabbdu persuna kompetenti u li huma aċċettaw u attwaw dawk il-prekawzjonijiet kollha suġġeriti lilhom minn Maurice Attard, li kellu reputazzjoni eċċellenti fil-qasam. Jikkontestaw l-applikabilità tal-każistika ċitata mill-Ewwel Qorti għall-fatti tal-każ taħt eżami u li f'kull każ, ma kellhomx jiġu miżmuma responsabbli daqs min kien responsabbli għat-twettiq tax-xogħlijiet. Sussidjarjament jilmentaw li huma ma kellhomx jiġu akkollati responsabbiltà meta huma ħadu biss ħsieb l-organizzazzjoni tal-attività li fl-aħħar mill-aħħar għaliha huwa responsabbli l-Kunsill Lokali, li kien applika għall-permess mal-Pulizija u l-kundizzjonijiet hemm maħruġa kienu ndirizzati lill-istess Kunsill, fosthom li jkollu polza tal-assikurazzjoni. Jisħqu li l-veru organizzatur tal-avveniment kien l-istess Kunsill Lokali u huma kienu jieħdu ħsieb aspetti marbuta mal-organizzazzjoni tal-attività, iżda jekk jirriżultaw xi nuqqasijiet ma kellhomx jiġu attribwiti lilhom iżda lill-Kunsill Lokali.

(II) Jikkontestaw l-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti tal-prinċipju ta' każ fortuwitu sollevat minnhom fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, arġinata fuq l-Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili. Jagħmlu referenza għall-ġurisprudenza fis-sens li l-forza maġġuri hija dik il-forza li għaliha huwa impossibbli li wieħed jirreżisti, mentri l-każ fortuwitu huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta'

ordinarja diliġenza. Mentri l-prevedibilità trid tkun ta' probabbiltajiet raġonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili. Għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tindirizza l-kwistjoni tal-prevedibilità fl-ikkaġunar tas-sinistru, element bażiku tal-ħtija akwiljana jew kważi delittwali u mhux sempliċement tgħid li huma kienu jafu li kien hemm riħ qawwi ħafna. Ifissru kif fil-fehma tagħhom minn eżami tal-fatti tal-każ, għandu jirriżulta li ma kienx prevedibbli għall-persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilità normali li dan it-*truss* kien ser jaqa' u jwassal għall-inċident, peress li:- l-istruttura kif armata kienet tiflaħ għar-riħ ta' forza 7 u għalhekk ir-riħ ma kienx qed jaffettwa l-istabbilità tal-istruttura u ma kien qiegħed jikkawża l-ebda ċaqliq; - għalkemm ir-riħ kien element kostanti matul il-ġurnata, mal-ħin il-qawwa tar-riħ kien beda jonqos; - ma kienx prevedibbli għall-appellanti li f'daqqa waħda kienet ser tiġi tromba tal-arja qawwija li saħansitra refgħet il-palk. Jisħqu li l-inċident ma sarx minħabba aġir jew nuqqas ta' aġir min-naħa tagħhom, iżda minħabba forza tan-natura li huma ma setgħux jipprevedu u lanqas raġonevolment jevitaw.

(III) Jilmentaw ukoll mill-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti dwar ir-responsabbiltà ta' Maurice Attard fejn dan ġie lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. L-appellanti jfissru li ma jaqblux mal-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti, peress li għalkemm il-kumpanija tħaddan personalità ġuridika għaliha u differenti mill-azzjonisti, dan

waħdu ma jsarrafx, fin-nuqqas għalkollox ta' responsabbiltà min-naħa t'Attard. Peress li l-azzjoni attriċi hija waħda bbażata fuq ħtija akwiljana li titnissel *ex delicto,* kien meħtieġ mill-Ewwel Qorti tistħarreġ jekk Attard naqasx fl-użu tal-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja li wassal għall-inċident, dan meta Attard ħa u kellu sehem attiv fil-ġrajja kollha, kien hu li ħa d-deċiżjonijiet kollha marbuta mal-armar li waqa' u kellu f'idejh it-tmexxija tas-soċjetà Sonlit Limited. Għalhekk ma jistax jingħad li m'hemmx responsabbiltà min-naħa t'Attard, fil-vesti personali tiegħu, kif għamlet l-Ewwel Qorti.

(IV) Il-mod kif l-Ewwel Qorti llikwidat id-danni dovuti lill-attriċi Kravchenko, inkluż il-mod kif l-Ewwel Qorti kkundannat il-ħlas tal-imgħaxijiet fuq is-somma minnha likwidata, mid-data tal-preżentata tar-rikors maħluf u dan skont il-prinċipju li m'għandhomx jiddekorru imgħaxijiet fuq somma mhux likwida. Jikkontestaw kemm il-*multiplier* ta' 37 adottat mill-Ewwel Qorti, li fil-fehma tagħhom ma kienx jagħti qies tal-*possibilities and probabilities of life,* kwindi kellu jkun wieħed ferm inqas. Jilmentaw ukoll mit-tnaqqis ta' 8% minflok dak ta' 20%, meta ma kien hemm l-ebda dewmien fil-kawża li seta' jiġi attribwit lilhom. Dwar l-imgħax jagħmlu referenza għall-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora,* kif ukoll għall-Artikoli 1139 u 1141 tal-Kodiċi Ċivili u għall-ġurisprudenza sabiex jisħqu li ladarba t-talba attriċi kienet waħda *da*

*liquidarsi,* ma setgħux jiskattaw l-imgħaxijiet jekk mhux mid-data tas-sentenza.

**Rikors tal-appell ta' Stephen Balzan in rappreżentanza u bħala likwidatur ta' Sonlit Limited**

8. Imiss li jiġi trattat l-appell ta' Stephen Balzan bħala likwidatur u in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta Sonlit Limited fejn jesponi tliet aggravji prinċipali:

(A) L-ewwel aggravju jitratta l-kap tar-responsabbiltà fejn jilmenta li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija msejjsa fuq parti biss mill-evidenza mressqa quddiemha, iżda naqset milli tikkonsidra l-assjem tal-provi u warrbet provi importanti, tant li l-Ewwel Qorti naqset milli ssejjes il-konklużjonijiet tagħha fuq konsiderazzjoni xierqa tal-massa tal-evidenza mressqa quddiemha, meta kellha obbligu li tqis u tiżen il-massa ta' evidenza. L-apprezzament parzjali tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti ma jista' qatt jitqies bħala wieħed xieraq u għalhekk jistieden lil din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi, peress li fil-fehma tiegħu l-konvenuta Sonlit Limited ma kellha l-ebda ħtija għas-sinistru u għalhekk jeżistu raġunijiet serji u gravi sabiex din il-Qorti teżerċita s-setgħat tagħha li tissindika l-ġudizzju mwettaq mill-Ewwel Qorti, u dan fl-interess tal-ġustizzja. Isostni li kieku l-Ewwel

Qorti qieset ix-xhieda kollha, b'mod partikolari dik tal-Inġinier Carmel Cuschieri, ċertament ma kinitx issib ħtija fis-soċjetà appellanti.

B'rabta mal-prinċipju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat,* tgħid li kien jispetta lill-atturi jressqu l-prova ta' dak minnhom allegat, mentri ssostni li hija ressqet prova sodisfaċenti li s-sinistru seħħ minħabba każ fortuwitu u imprevedibbli li għeleb kull prekawzjoni raġonevolment mistennija u meħuda minnha. Dan meta fil-kamp ċivili l-prova li kellha ssir mill-atturi fil-konfront tagħha, hija dik fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet, mentri l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel evalwazzjoni xierqa tal-provi u tas-sottomissjonijiet magħmula. Issostni anzi li l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti huma skarni minn kull tip ta' evalwazzjoni tal-provi mressqa u tas-sottomissjonijiet magħmula minnha. Jingħad li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-inċident kien seħħ peress li kien ħafna riħ u li l-istruttura tad-dawl ma kinitx marbuta jew ma tqiegħedx piż sabiex tiġi assigurata l-istabilità tagħha, u għalhekk ma ttieħdux il-prekawzjonijiet meħtieġa kunsidrata l-inklemenza tal-elementi, u li qieset li s-soċjetà Sonlit Limited ma kellhiex il-kwalifiki li tiċċertifika l-istruttura.

Tikkontendi li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra d-diversi snin ta' esperjenza li kellha Sonlit Limited f'dawn l-avvenimenti, id-diversi prekawzjonijiet li ttieħdu minnha fl-armar tat-*truss* u li l-inċident ma

seħħx sforz ir-riħ qawwi, iżda sforz tromba ta' riefnu li qamet ħesrem u li kienet għalkollox imprevedibbli. L-Ewwel Qorti naqset milli tiddistingwi bejn riħ qawwi u l-fatt li għaddiet tromba minn fuq il-post li kienet imprevedibbli, u kienet din li waqqgħet l-armar u mhux ir-riħ qawwi. Dan kif jixhed ix-xhud Reuben Grima li ddeskriva buffura qawwija ta' riħ li damet ftit sekondi, iżda li biha ħass l-art tal-palk tiċċaqlaq u dan kif korroborat minn diversi xhieda oħra. Inoltre, tħossha aggravata li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis l-evidenza li l-istrutura armata minnha twaqqfet skont is-sengħa u l-arti, kif jixhdu s-snin twal ta' esperjenza mingħajr inċident, kif ukoll li rriteniet li ma kellhiex il-kwalifiċi meħtieġa, meta kellha esperjenza vasta f'dan il-qasam u kellha għarfien tekniku u speċjalizzat u nkarigat nies kompetenti, tant li għamlet ukoll telf finanzjarju bl-għażliet li jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa kunsidrat ir-riħ ta' dakinhar.

L-appellanti tikkontendi li kienet mhux biss tadotta l-aqwa prassi fl-industrija u tirrispetta u tissalvagwardja s-saħħa ta' terzi, iżda dejjem użat il-massima tal-prudenza, anzi kienet tirriffjuta li tarma struttura li possibbilment setgħet tagħti lok għal xi potenzjal ta' xi perikolu. Tisħaq li l-aspett ta' saħħa u sigurtà dejjem kien prijorità assoluta tagħha. It-*truss* kienet magħmula minn armar speċjalizzat li kien ġie impurtat mill-Italja u armat b'mod speċjali għal dan l-avveniment. Tinsisti li Sonlit Limited kienet għamlet użu sħiħ tal-prekawzjonijiet mistennija sabiex

tipprevjeni li jiġri xi inċident fid-dawl tal-previżjoni tat-temp tar-riħ li kien hemm, iżda l-Ewwel Qorti qieset li m'għamlet xejn, daqslikieku ramat l-istruttura mingħajr l-iċken ħsieb li kien ir-riħ. Għalkemm l-Ewwel Qorti straħet fuq il-konklużjoni tal-Inġinier Claude Farrugia li t-*truss* kien *top heavy,* dan l-istess inġinier ammetta li ma kien għamel l-ebda kalkoli matematiċi jew xjentifiċi sabiex jistabilixxi l-proporzjonalità tal-piż tal-armar mal-forza tar-riħ, li jsostnu l-konklużjoni tiegħu, anzi kkonċeda li dawn l-istrutturi mhux bilfors ikunu marbuta. Tinsisti li l-istruttura kienet armata sabiex tiflaħ għar-riħ li kien previst, kienet it-tromba ta' riefnu li xejnet il-prekawzjonijiet meħuda minnha. Issir referenza għax-xhieda ta' Maurice Attard fis-sens li kien iddendel biss madwar 15% ta' dak il-piż totali li seta' ddendel mat-*truss* u għalhekk ma setgħetx tittieħed prekawzjoni akbar minn dik li ttieħdet fil-każ.

Min-naħa l-oħra, ix-xhieda tal-inġinier Carmel Cuschieri kienet mhux biss dettaljata għall-aħħar, iżda ppreżentata bil-kalkoli matematiċi li jwasslu għall-konklużjonijiet xjentifiċi u għalhekk għall-prova li diffiċilment setgħet tingħeleb. Dan apparti li, l-istess inġinier Cuschieri kkonkluda li ma kienx hemm bżonn li l-istruttura tintrabat peress li l-qiegħan tat-torrijiet kienu fihom infushom iservu ta' kontro-piż. Kwindi ssostni li jsegwi li ma kienx hemm raġuni prevedibbli l-għala l-istruttura kellha tinqeleb u ma rriżulta l-ebda nuqqas min-naħa ta' Sonlit Limited u ta' Maurice Attard, iżda li skont l-istess inġinier Cuschieri, kienet

buffura ta' riħ straordinarja ta' forza 9 jew 10, jew inkella nġibdet minn xi nies. Dan kollu ġie njorat mill-Ewwel Qorti u skartat dawn il-provi mingħajr ma tat spjegazzoni għalfejn ġew skartati l-provi u s-sottomissjonijiet tagħha. Targumenta li marret lil hinn dak li kienet titlob id-dilġenza ordinarja meħtieġa miċ-ċirkostanzi, peress li dak li seħħ kien *casus,* riżultat ta' event dannuż imprevedibbli li jissupera kull prekawzjoni raġonevolment mistennija u effettivament meħuda.

(B) It-tieni aggravju jitratta l-*Quantum* tad-danni fejn is-soċjetà appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-perċentwal stabbilit mill-perit mediku nkarigat minnha ta' 75%, li jissupera bil-kbir il-perċentwal stabbilit mill-perit *ex parte* nkarigat mill-attriċi fil-bidu tal-kawża li kien wasal għal perċentwal ta' 52%. Minkejja li l-esperti mediċi xehdu li kienu qegħdin jistrieħu fuq il-linji gwida maħruġa mill-Ministeru tal-Ġustizzja b'rabta ma korriment li jwassal għal debilità permanenti, dawn lanqas biss ġew prodotti bħala prova.

Tilmenta wkoll mit-tnaqqis tal-perċentwal ta' 8% bħala *lump sum payment* u tiddeskrivih bħala wieħed minimu, meta wieħed iqis li kienu l-istess atturi responsabbli għad-dewmien meta damu sabiex għalqu l-provi tagħhom wara numru ta' snin u għalhekk il-konvenuti m'għandhomx ikunu kkundannati jħallsu somma akbar ta' danni. L-

Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra dan id-dewmien min-naħa tal-atturi.

(C) L-aħħar aggravju tas-soċjetà Sonlit Limited jitratta wkoll il-komputazzjoni tal-imgħax fuq is-somma ta' €463,465.57 li kellhom jiskattaw mit-8 ta' Ottubru, 2009 sad-data tal-pagament effettiv, dan meta skont il-prinċipju regolatorju, dak ta' *in illiquidis non fit mora,* l-imgħax għandu jiddekorri minn meta ssir il-likwidazzjoni tas-somma dovuta, peress li huwa f'dak il-mument li l-konvenuti jsiru debituri ta' ammont ċert, likwidat u dovut, meta jiskopru ċifra preċiża u l-obbligu tagħhom li jħallsu tali ċifra. Issir referenza għall-ġurisprudenza f'dan is-sens u ssostni li dan il-prinċipju għandu japplika kemm fil-każ tad-danni *damnum emergens,* kif ukoll dawk *lucrum cessans,* wara kollox it-talba attriċi kienet waħda *da liquidarsi.* Tilmenta li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet ta' preġudizzju għaliha u jmur kontra l-ġurisprudenza fuq il-materja. Ir-regola tibqa' dik li l-obbligu tal-ħlas tas-somma prinċipali u ta' kull ħaġa aċċessorja magħha (inkluż l-interessi) jiskatta minn meta l-konvenuti jiġu dikjarati debituri f'somma determinata u speċifika, u jiġu għalhekk impoġġija f'mora sabiex iwettqu l-ħlas.

**Appell inċidentali ta' Vladyslava Kravchenko u Tetyana Gordiyenko**

9. Dan l-appell inċidentali tal-atturi jissejjes fuq tliet aggravji li huma:

(a) L-ewwel aggravju tal-atturi appellanti inċidentalment huwa dak li Maurice Attard ukoll kellu jinstab responsabbli personalment flimkien mal-konvenuti l-oħra f'din il-kawża għall-inċident inkwistjoni. Isostnu li kemm Sonlit Limited, kif ukoll Maurice Attard kienu s-subappaltaturi nkarigati mill-konvenuti Micallef u Bugeja, peress li filwaqt li l-armar kien proprjetà ta' Sonlit Limited, id-deċiżjonijiet kien jeħodhom Maurice Attard. Jisħqu li l-ħtija kemm ta' Sonlit Limited, kif ukoll ta' Maurice Attard hija dik akwiljana u l-provvedimenti tal-liġi (Kodiċi Ċivili) li japplikaw għall-konvenuti l-oħra japplikaw ukoll għal Maurice Attard, li ġie ppruvat li: - ma kellux kwalifiki sabiex jiċċertifika l-istruttura, - kien jaf li kien hemm riħ u l-post kien espost għall-buffuri; għażel li ma jagħmilx irbit mal-istruttura biex jilqa' għar-riħ; - għażel li jarma struttura f'post apert espost għar-riħ; u għażel li ma jħallix spazju vojt quddiem il-palk għall-protezzjoni tan-nies. Dan kollu jixhed aġir negliġenti min-naħa t'Attard, li abbinat mal-prevvedibilità ta' nuqqas ta' stabbilita tal-istruttura, kellu jwassal għas-sejbien ta' responsabbiltà. Il-fatt li l-armar ma kienx biżżejjed sabiex jiflaħ riħ qawwi jinsab ikkonfermat mill-espert tekniku Claude Farrugia. Jisħqu li Maurice Attard m'għandux jinħeba wara l-*corporate veil* u li llum huwa ġuridikament rikonoxxut li direttur jista' wkoll jinstab personalment responsabbli għall-aġir tiegħu nnifsu, anke jekk kien qiegħed jaġixxi bħala rappreżentant ta' soċjetà reġistrata skont il-liġi. Issir referenza għal xi awturi fis-sens li kull att

kriminali jista' jagħti lok għal responsabbiltà ċivili u għall-fatt li ttieħdu passi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fil-konfront ta' Maurice Attard fejn instab ħati (għalkemm jingħad li hemm appell) talli b'nuqqas ta' ħila, arti u professjoni kkaġuna offiża ta' natura gravi lil diversi nies, fosthom l-attriċi Kravchenko, li spiċċat b'diżabilità permanenti. Isostnu li l-kumpanija konvenuta kienet *one man show,* peress li kienet immexxija u ġestita minn Attard li kien jieħu wkoll id-deċiżjonijiet tekniċi kollha. Il-parteċipazzjoni attiva t'Attard bħala l-persuna li ddeċieda li jarma apparat fir-riħ b'perikolu għal terzi għandha tirrendih responsabbli *in solidum* mal-kumpanija Sonlit Limited, peress li din is-solidarjetà twieldet *ex nunc* mill-fatt illeċitu.

(b) It-tieni aggravju tal-atturi appellanti inċidentalment jitratta l-ilment tagħhom li l-Ewwel Qorti naqset milli tillikwida d-danni favur l-attriċi Tetyana Gordiyenko. Dan meta hija xehdet kif il-ħajja tat-tifla u tagħha nbidlu kompletament wara l-inċident, hekk kif għalkemm kienet *self employed* qabel l-inċident, hija ma setgħetx tkompli tiffoka fuq ix-xogħol tagħha sabiex tieħu ħsieb it-tifla. Kellhom isibu appartament ġdid idoneju għall-ħtiġijiet tat-tifla, kellha tissellef il-flus u tbiegħ il-ftit deheb li kellha sabiex tagħti l-kura mistħoqqa lit-tifla. Ma kinitx korretta l-Ewwel Qorti, meta ngħad minnha li ma nġiebet l-ebda prova tat-telf finanzjarju tagħha. Id-danni li hija ġarrbet kienu konsegwenzjali u naxxenti mir-responsabbiltà tagħha bħala omm fil-konfront tat-tifla. Id-

danni reklamati minnha huma tan-natura *damnum emergens*, li jinkudu l-ispejjeż konsiderevoli li kellha tonfoq wara d-danni li ġarrbet bintha, li hemm inkluża fl-affidavit ta' bintha. Hija tispjega li għamlet żmien fejn waqfet taħdem u żmien fejn kellha tnaqqas ix-xogħol bin-nofs, sabiex tieħu ħsieb lil bintha u minkejja li hija ma semmitx somma, l-Ewwel Qorti kellha biżżejjed provi sabiex tillikwida somma *arbitrio boni viri* sabiex tiġi kkumpensata għat-telf tagħha. Mentri fl-affidavit tat-tifla kienu jissemmew diversi spejjeż magħmula, li l-avukat tagħha vverbalizza li għalkemm mhux esebiti seta' jressaq il-kopji tal-irċevuti, f'każ li l-intimati jkunu jixtiequ kopja tagħhom u li dawn ma ġewx esebiti peress li kienu voluminużi, iżda ħadd mid-difensuri ma talabhom u għal kull fini dawn l-irċevuti issa jinsabu esebiti mal-appell inċidentali.

Inoltre, kunsidrata d-diżabilità tal-attriċi Kravchenko ta' 75%, l-ispejjeż mediċi u tal-apparat meħtieġ sejrin ikunu kontinwi. Issir referenza għall-ġurisprudenza relattiva għall-materja.

(c) L-aħħar ilment tal-attriċi appellanti inċidentalment jitratta l-fatt li minkejja li talbet kumpens għad-danni morali, minħabba l-inċident, l-Ewwel Qorti ma daħlitx f'dan il-punt. Hija ssostni li apparti d-danni *damnum emergens* u *lucrum cessans,* l-effett psikoloġiku fuqha kien wieħed devastanti. L-aspettattivi li kellha bħala żagħżugħa osfru u ġew sostitwiti b'mumenti ta' dlam u depressjoni, u dan kollu minħabba n-

negliġenza tal-konvenuti. Hija għandha diżabilità li trid tibqa' ġġorr magħha għal għomorha u għalhekk issostni li jkun ġust li tingħata xi somma bħala danni mhux patrimonjali, tenut kont ukoll il-pluralità tal-konvenuti li kienu responsabbli għall-akkadut. Dan meta l-inċident m'affettwax biss il-ġisem fiżiku tal-attriċi, iżda affetwaha wkoll billi ġabilha sofferenza mentali u jkun indikattiv li tingħata kumpens għad-danni mhux patrimonjali. Issir referenza għall-ġurisprudenza f'dan il-qasam sabiex tisħaq li l-ħsara llum-il ġurnata m'għandhiex tibqa' limitata għal dak li tradizzjonalment ġie klassifikat bħala *damnum emergens* u *lucrum cessans,* iżda għandha tiġi aġġornata sabiex tieħu ħsieb ukoll il-fatt li l-inċident kellu fuq il-kwalità tal-ħajja tagħha minħabba tbatija psikoloġika u l-impatt negattiv potenzjali fuq il-ħajja matrimonjali tagħha u l-probabbiltà għolja li se tkun diffiċli ħafna għaliha li toħroġ tqila u twelled b'mod naturali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Illi l-ewwel ser jiġi trattat l-ewwel aggravju tal-appell tal-Kunsill Lokali li jattakka d-digriet interlokutorju li bih l-Ewwel Qorti rrevokat in-nomina tal-periti addizzjonali u ordnat li l-kawża titħalla għas-sentenza. Tajjeb li jiġi osservat li kunsidrat il-materja ta' diżabilità permanenti mġarrba mill-attriċi Kravchenko konsegwenza tal-inċident, hija l-ewwel ressqet rapport mediku *ex parte* fejn id-diżabilità ġiet stmata fil-

perċentwal ta' 52% (ara rapport tat-tabib A. Galea Debono esebit bħala VK4 anness mar-rikors promotur a fol. 17). L-istess Dr. Anthony Galea Debono xehed quddiem l-assistent ġudizzjarju waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu, 2011, fejn esebixxa rapport ġdid (ara Dok. K1 a fol. 416) fejn irreveda dik ir-rata minnu stabbilita qabel fl-2009 għall-perċentwal ta' 75% u dana wara li fil-mori kienet ħarġet *White Paper* mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern dwar kif tiġi stmata d-diżabilità permanenti, fejn il-parapliġija kompleta fil-livell li għandha l-attriċi, għandha tiġi stmata fil-perċentwali ta' bejn 70% u 75% u li fl-opinjoni tiegħu l-attriċi taqa' fil-perċentwal massimu. Xehed ukoll li tul dawn is-snin is-sitwazzjoni tal-attriċi ma nbidlitx u żied jgħid li s-sitwazzjoni tagħha mhux mistennija li titjieb. Wara li ntalbet perizja medika, l-Ewwel Qorti nnominat lil Dr. Josanne Aquilina, li mir-rapport tagħha tal-24 ta' Marzu, 2014, jirriżulta li waslet għall-konklużjoni li l-attriċi Kravchenko kellha rata ta' diżabilità ta' 75% u dan b'referenza għall-ktieb Emendi fil-Liġi dwar Danni Ċivili maħruġ mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern (2010).

11. Kemm id-difensur tal-konvenut Maurice Attard, kif ukoll id-difensur tal-konvenuti Micallef u Bugeja talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali, iżda ma jirriżultax li l-Kunsill Lokali għamel talba simili. Saret nota konġuntiva bejn id-difensur t'Attard u tal-atturi fejn ġew nominati tliet tobba bħala periti mediċi addizzjonali, u l-Ewwel Qorti fit-8 ta' Ottubru, 2015, ħatret lill-esperti mediċi hemm indikati. Ġara li żewġ tobba m'aċċettawx l-inkarigu

u għal kull wieħed li rrinunzja għall-ħatra, saret nota konġuntiva għas-sostituzzjoni fin-nomina tal-perit mediku, li l-Ewwel Qorti laqgħet. Fil-verbal tagħha tad-19 ta' Jannar, 2016, l-Ewwel Qorti għamlitha ċara li: "*Il-kawża ġiet differita għad-19 ta' April, 2016 fid-9.00am għar-relazzjoni. Il-Qorti tieħu l-opportunità tissottolinja illi l-periti perizjuri għandhom jikkonkludu r-relazzjoni tagħhom sad-data indikata, altrimenti l-inkarigu tagħhom jiġi revokat u titħalla għas-sentenza.*" (sottolinjar ta' din il-Qorti) Dan il-verbal ġie kkomunikat lid-difensuri tal-partijiet kollha kkonċernati fil-kawża. Dan il-verbal messu xegħel bozza ħamra lill-avukati li kienu qegħdin jitolbu l-perizja addizzjonali. Iżda waslet is-seduta tad-19 ta' April, 2016, fejn l-Ewwel Qorti osservat li minkejja d-digriet preċedenti tagħha, ir-relazzjoni tal-periti indikati baqgħet ma ġietx konkluża u għalhekk irrevokat in-nomina tal-periti perizjuri. Wara talba li saret fl-istess udjenza, mill-avukati preżenti, il-kawża tħalliet għall-għeluq tal-provi, minflok għas-sentenza.

12. Sar rikors mid-difensur tal-konvenut Attard skont l-Artikolu 229(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex l-Ewwel Qorti tikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha li tirrevoka n-nomina u l-inkarigu tal-periti mediċi perizjuri, kunsidrat li n-nuqqas tal-istess periti mediċi kien ser isarraf fi preġudizzju kbir għalih, kunsidrat il-perċentwal għoli mogħti mill-ewwel perit mediku. L-Ewwel Qorti ddegretat l-istess rikors fis-sens li ma qisetx

li kien hemm raġunijiet gravi biżżejjed sabiex taħtar periti perizjuri u għalhekk ċaħdet it-talba.

13. Minn dan kollu jirriżulta li l-Kunsill Lokali ma wera l-ebda interess fil-proċedura marbuta mal-ħatra ta' periti addizzjonali, fis-sens li apparti m'għamel l-ebda eskussjoni tal-perit mediku, la talab għall-ħatra ta' periti addizzjonali, la ressaq talba lill-Ewwel Qorti sabiex tirrikonsidra d-digriet interlokutorju tagħha u lanqas intalab li jsir appell minn l-istess digriet. Għalhekk wieħed bilfors iqis dan l-ewwel aggravju b'ċertu xettiċiżmu. Tajjeb jiġi nnutat li l-liġi tipprovdi li l-Qorti tista' tiddeċiedi l-kawża mingħajr il-perizja, fost sitwazzjonijiet oħra, meta l-perizja ma ssirx fiż-żmien mogħti mill-Qorti (ara Artikolu 670(a) tal-Kap.12). Apparti dan, wieħed irid jiftakar li l-ħatra ta' periti addizzjonali hija materja li hija mħollija fid-diskrezzjoni assoluta tal-ġudikant li jkun qiegħed jisma' l-kawża (ara Artikolu 674 tal-Kap. 12). Għalhekk, kif ma hemm l-ebda obbligu fuq il-Qorti li tilqa' t-talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali, (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Marzu, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **George Abela et v. Alfred Abela et)** hekk ukoll, ma hemm xejn li jżomm lil dik il-Qorti milli tirrevoka dak id-digriet f'każ li tħoss li jkun xieraq li hekk tagħmel. F'dan il-każ jirriżulta li, mhux biss kienu għaddew sentejn minn meta nħareġ l-ewwel rapport mediku, talli l-konvenuti li kienu qegħdin jitolbu l-ħatra ta' periti addizzjonali ma tantx kienu qegħdin iħabirku sabiex il-periti mediċi addizjonali jespletaw l-inkarigu tagħhom. Għalhekk din il-Qorti ma tlumx

lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha, sabiex ma jibqax jinħela ż-żmien inutilment u tqis li l-Ewwel Qorti kuntrarjament għal dak li jinsinwa l-Kunsill appellant, aġixxiet fil-parametri tas-setgħat mogħtija lilha bil-liġi.

14. B'żieda ma' dan, jirriżulta li kemm il-perit mediku *ex parte* nkarigat mill-attriċi, kif ukoll dak tal-Qorti, waslu għall-istess konklużjoni fil-perċentwal ta' diżabilità tal-attriċi, meta kkunsidraw *White Paper ċitata* minnhom. Tajjeb jingħad li mhuwiex normali li jintalab li jiġu esebiti r-referenzi magħmula mill-esperti mediċi. Kwindi ma hemm l-ebda distakk jew konflitt bejn il-perizja *ex parte* u dik tal-perit mediku nkarigata mill-Ewwel Qorti, kif imfisser mill-Kunsill appellant fl-appell tiegħu. Bil-ħruġ *White Paper* kien hemm konverġenza bejn l-esperti mediċi dwar l-estent ta' diżabilità mġarrab mill-attriċi. Isegwi li din il-Qorti wkoll ma tarax l-utilità li jsir rapport ulterjuri. Għalkemm il-*White Paper* ma għandha ebda effett normattiv, u ma għandux jitqies li jagħti linji gwida, madankollu meqjusa l-kondizzjoni tal-attriċi diżabilità ta' 75% hi ragonevoli fiċ-ċirkostanzi. Wara kollox, lanqas saret l-eskussjoni tal-ewwel perit mediku li setgħet titfa xi dubju fuq il-fehma tagħha. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-Kunsill appellant ma jreġix u ser jiġi miċħud.

15. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju tal-Kunsill appellant fejn jingħad li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, jiġifieri dik fejn qanqal l-eċċezzjoni tan-nullità. Isostni li ġaladarba kawża

għandha tinbeda permezz ta' rikors ġuramentat (skont l-Artikolu 156 tal-Kap. 12) u l-attriċi Vladyslava Kravchenko ma tafx titkellem bil-Malti, diffiċilment wieħed jista' jifhem kif ħadet il-ġurament fuq ir-rikors promotur, li sar bl-ilsien Malti jew li kienet qiegħda tifhem x'qiegħda tagħmel.

16. L-atturi appellati wieġbu li għalkemm l-attriċi ma titkellimx il-Malti, kunsidrat li ilha s-snin tgħix Malta, hija tifhem il-lingwa, iżda ma titkellimhiex u għalhekk setgħet tifhem dak li kien hemm miktub fir-rikors ġuramentat. Dan apparti li tikkontesta l-formaliżmu eċċessiv u tistaqsi xi preġudizzju seta' sofra l-Kunsill appellant bil-fatti msemmija f'dan l-aggravju.

17. Din il-Qorti taqbel ma' dak li ngħad mill-Ewwel Qorti, li l-emendi introdotti fl-1995 fil-liġi ta' procedura saru sabiex jintlaħaq il-grad meħtieġ ta' ġustizzja fil-liġi sostantiva u għalhekk m'għandhiex tintuża sabiex permezz ta' kavill insinifikanti fil-proċedura, issir inġustizzja. B'żieda ma' dan, tajjeb jingħad li l-eċċezzjoni tal-Kunsill appellant lanqas ma ssib sostenn f'dak li jipprovdi l-Artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex ma jirriżultax li l-Kunsill appellant sofra xi preġudizzju. Huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li, in-nullità tal-att promotur ta' azzjoni, hija sanzjoni estrema li m'għandhiex tintlaqa' faċilment. L-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12 jitkellem ċar dwar meta att ġudizzjarju jista' jiġi dikjarat null:

*"789. (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata:*

*(a) jekk in-nullità hija dikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinħareġ minn Qorti mhux kompetenti;*

*(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-ligi."*

18. L-erba' ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta' nullità ta' att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taħt il-parametri ta' xi waħda minnhom. L-Artikolu 789 kien emendat permezz tal-Att XXIV tal-1995, sabiex tkun ristretta l-possibiltà li ċ-ċitazzjoni, issa r-rikors promotur, jiġi dikjarat null. Għalkemm il-Kunsill ma jfissirx liema provvediment qiegħed jiġi nvokat minnu, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-ilment tiegħu jista' jitqies biss taħt l-Artikolu 789(1)(ċ). Jekk ir-rikors ġuramentat ikun nieqes minn xi formalità, dak il-fatt waħdu ma jġibx in-nullità. In-nullità eċċepita għandha tiġi meqjusa mill-Qorti b'kawtela u ċirkospezzjoni. Meqjus il-fatt li l-Kunsill ma fissirx xi preġudizzju sofra konsegwenza tal-ilment sollevat minnu, din il-Qorti tiskarta dan l-aggravju bħala wieħed pjuttost fieragħ.

19. Dan iwassal din il-Qorti għall-konsiderazzjoni tat-tielet aggravju tal-Kunsill appellant, li fil-verità huwa rifless ukoll fit-tielet aggravju tal-appell tal-konvenuti Kevin Micallef u Alan Bugeja, kif ukoll fl-ewwel aggravju fl-

appell inċidentali tal-atturi, jiġifieri dak fejn jingħad li l-konvenut Maurice Attard ukoll kellu jinstab responsabbli personalment għall-inċident inkwistjoni, flimkien mal-konvenuti l-oħra f'din il-kawża.

20. Jibda billi jiġi ppreċiżat li sa fejn l-appellanti jsejjsu l-aggravju tagħhom fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn Maurice Attard instab ħati tal-akkużi talli b'nuqqas ta' ħila, arti u professjoni kkaġuna offiża ta' natura gravi lil diversi nies, fosthom l-attriċi Kravchenko, li spiċċat b'diżabilità permanenti, jiġi ppreċiżat li dik is-sentenza ġiet dikjarata nulla mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) permezz tas-sentenza tagħha tal-1 ta' Novembru, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Pulizija v. Maurice Attard.** Ġie ordnat ukoll, li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tisma' u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Għalhekk din il-Qorti mhux ser tqis is-siltiet ċitati mill-appellanti b'referenza għall-istess sentenza.

21. Dan iwassal għall-eżami tal-prinċipju jekk direttur ta' soċjetà għandux jinżamm personalment responsabbli f'każ ta' inċident li jkun naxxenti minn ħtija akwiljana. Attard fir-risposta tal-appell tiegħu jisħaq li l-inkarigu kien mogħti lis-soċjetà Sonlit Limited u mhux lilu personalment. Huwa aċċettat fil-ġurisprudenza li, il-prinċipju tal-personalità ġuridika distinta ta' kumpanija, ma jeżonerax dejjem u

awtomatikament lid-direttur mir-responsabbilità għad-danni delittwali sofferti minn terzi persuni. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Frar, 2022, fil-kawża fl-ismijiet **Alexander u Sylvia konjuġi Zammit v. Carmel Mifsud et:**

> *"Għalkemm il-kumpanija Sterling Car Rentals Limited tħaddan personalita` ġuridika separata u differenti mir-rappreżentanti jew diretturi tagħha, xorta jista' jingħad li l-ħsara mġarrba mill-atturi appellati hija marbuta wkoll ma' għemil il-konvenut appellant Mifsud. F'dan il-każ irriżulta li, minkejja l-konvenut Mifsud kien involut sew fl-attivita` tas-soċjetà Sterling Car Rentals Limited, ma jirriżultax li ħa xi azzjoni preventiva sabiex tiġi evitata ħsara ulterjuri fil-fond tal-atturi. Kwindi **huwa ritenut li d-danni mġarrba mill-atturi mhumiex sempliċement responsabbilta` tal-kumpanija sid il-proprjetà fejn seħħew ix-xogħlijiet, iżda d-danni mġarrba mill-atturi seħħew ukoll b'kawża ta' deċizjonijiet meħudin mill-konvenut appellant Mifsud, jew ta' nuqqasijiet fosthom deċiżjonijiet jew azzjonijiet li naqas li jieħu, jew li messu ħa u għalhekk ma użax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, kif mistenni minnu**. Bħala wieħed mill-persuni li jmexxi l-kumpanija, Mifsud kellu d-dmir li jara li bix-xogħlijiet li kienu qegħdin jitwettqu fuq inkarigu tal-kumpanija li tagħha kien direttur, ma jiġux ikkawżati danni lill-proprjetajiet konfinanti dik tas-soċjetà rappreżentata minnu.*
>
> *[…]*
>
> ***Għalkemm f'dan il-każ, is-sid kienet kumpanija (persuna morali) din kienet immexxija minn persuni fiżiċi, fosthom l-imsejjaħ fil-kawża, li għandu jwieġeb għal dak li ġara.***
>
> *[…]*
>
> ***Carmel Demicoli fil-kapaċita` tiegħu ta' Direttur kemm ta' Sterling Car Rentals Limited, kif ukoll ta' Barkata Limited, kellu l-obbligu li jara li s-soċjetajiet rappreżentati minnu jwettqu l-obbligi tagħhom. Huwa naqas mill-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja meta ma rax li s-soċjetajiet immexxija minnu kienu qegħdin jonqsu fl-obbligi tagħhom u li dawn in-nuqqasijiet setgħu joħolqu perikolu għal ħaddieħor. Kwindi n-nuqqasijiet ta' Sterling Car Rentals Limited u ta' Barkata Limited huma nuqqasijiet ta' Carmel Demicoli wkoll, billi huwa kellu s-setgħa u għalhekk l-obbligu li dawk in-nuqqasijiet ma jibqgħux fis-seħħ.*** *(Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Novembru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet **Silvana Sammut pro et noe v. Clamus Holdings Limited et**)."* (enfasi ta' din il-Qorti)

22. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, għalkemm mill-provi jirriżulta li s-soċjetà Sonlit Limited kienet inkarigata bl-imsemmija xogħlijiet t'armar ta' struttura tal-ħadid sabiex magħha jintrama' d-dawl għall-avveniment inkwistjoni, daqstant jirriżulta ċar li l-istess soċjetà kienet effettivament immexxija mill-konvenut Maurice Attard li kellu sehem tassew attiv fl-eżekuzzjoni tal-inkarigu mogħti lis-soċjetà konvenuta. Dan jingħad peress li kien Attard li jieħu d-deċiżjonijiet kollha fir-rigward tal-armar u l-prekawzjonijiet meħtieġa fiċ-ċirkostanzi. Kien Attard li ddeċieda l-għoli tal-armar, li ddeċieda kif kellu jintrama u x'kellu jintrabat mat-*truss.* Tant Attard kellu rwol determinanti, li huwa stess jixhed li ddetta l-kundizzjonijiet tax-xogħlijiet lill-konvenuti Micallef u Bugeja, fosthom li ma jintrabat xejn aktar mat-*truss* bħal *sound speakers* u *visual screens* (ara affidavit a fol. 482). Isegwi li l-armar tal-apparat hu att fiziku u sar minn persuna fizika li twieġeb għall-għemil tagħha. Dan iwassal għall-fehma illi sa fejn tolqot lil Sonlit u Attard l-azzjoni hi waħda *ex delicto fejn* tirriżulta l-ħtieġa li tintuża l-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja fit-twettiq tad-doveri tiegħu.

23. Jitqies li għandhom raġun l-atturi appellati meta jingħad minnhom li Maurice Attard kien ben konsapevoli tas-sit fejn kien ser isir l-avveniment, tant li jixhed li ltaqa' fuq il-post ma' Bugeja u Micallef ftit jiem qabel. Jingħad minnu wkoll li kien konsapevoli dwar it-tbassir ta' riħ għal

dik il-ġurnata li fiha kien ser isir l-avveniment, tant li meta reġgħu ltaqgħu fuq il-post lejliet l-avveniment, sabiex jiġi deċiż kif kien ser isir l-armar minħabba t-temp huwa nsista li bħala prekawzjoni: (a) li ma tintramax *array sound system* imdendla fuq it-*truss* iżda minflok issir *stack speaker system* li tiġi armata mal-art; (b) l-għoli tat-*truss* jinżamm f'għoli ta' 5 metri minflok 7, sabiex ikollha aktar stabbilità mal-art; (ċ) l-*intelligent moving lighting heads* ma jiddendlux mat-*truss,* iżda jitpoġġew direttament fuq il-palk; (d) *screens* u *advertising banners* ma jintremgħux fuq it-*truss;* (e) il-*laser system* ma tintremgħax fuq it-*truss.* Attard jiddeskrivi dawn il-prekawzjonijiet bħala miżura meħuda sabiex it-*truss* ikollha aktar stabbilità, peress li jkollha inqas għoli u *surface area* fuqhiex jaffettwaha r-riħ. Jingħad minn Attard ukoll li minkejja li Bugeja u Micallef ma kinux kuntenti b'dawn l-arranġamenti, qagħdu għal dak deċiż minn Attard. Altru li l-konvenut kellu rwol ewlieni u determinanti f'dak li ġara, meta kien il-persuna li tat id-direzzjonijiet u l-istruzzjonijiet dwar kif kellu jsir l-armar tal-istruttura.

24. Relevanti wkoll f'dan is-sens, huma l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Carmen Pecorella *proprio et nomine* v. Lino Stafrace et,** li kkonfermat id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, fejn fost affarijiet oħra ttieħed qies tal-fatt li n-negozju tal-kumpanija kien ibbażat fuq l-esperjenza tal-azzjonist maġġoritarju u direttur, li kellu d-dmir li jiżgura li ma ssirx ħsara lill-ġirien

waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet (dak il-każ kien jitratta skavar viċin proprjetà li ġġarrfet wara li ma nżammitx id-distanza legali) fejn ingħad ukoll mill-Ewwel Qorti:

> "*F'dan il-kuntest ukoll, f'kaz iehor Ingliz "Koninklijke Philips Electronics NV v Prico Digital Disc GmbH the defendant director was in charge of the day-to-day running of the defendant company. It was admitted that the company imported into the UK and kept and disposed of recordable CDs of a kind that the court previously had held infringed the claimant's patent. The director had been responsible for the decision to import the infringing CDs into the UK and for the cultivation of A as a customer for those products. The director also made a decision to indemnify A against liability for royalties when the claimant sued A for infringement. The court concluded that the director's close involvement with the day-to-day actions of the company, and his independent authority in respect of those actions, were sufficient to render him liable as a joint tortfeasor with the company" (Company Law, Brenda Hannigan, Tielet Edizzjoni, Oxford (2012) pagna 70)*" (sottolinjar ta' din il-Qorti)

L-istess prinċipji japplikaw fil-każ in eżami.

25. F'din il-kawża hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-miżuri kollha li semma l-konvenut Attard bħala meħtieġa fl-armar tal-istruttura, jagħtu sostenn lill-fehma tal-Inġinier Claude Farrugia, jiġifieri li l-istruttura għalkemm tista' tintrama' kemm fuq ġewwa, kif ukoll fuq barra, meta tintrama' fuq barra jeħtieġ li ssir l-evalwazzjoni tar-riskji marbuta mal-attività u mal-istruttura fl-ambjent li tkun qiegħda tintrama'. Jiġifieri f'dan il-każ, kellhom jiġu kkunsidrati r-riskji marbuta ma' struttura għolja li kellha apparat imwaħħal magħha, bir-riskju li jaqgħu l-affarijiet mill-għoli, kif ukoll x'jista' jkun hemm li taffettwa l-istabbilità tal-istruttura. Ladarba l-istruttura tkun qiegħda tintrama fuq barra, din kienet ser tkun esposta għal *external forces*

bħalma hu r-riħ, u għalhekk ikun meħtieġ li jittieħdu l-prekawzjonijiet peress li l-istruttura tkun esposta għall-elementi.

26. Fil-fehma tal-istess espert l-istruttura li waqgħet kienet *top heavy* peress li kienet mgħobbija bi ħmistax-il *spotlight* minn fuq u allura s-*centre of gravity* resqet 'il fuq, apparti li bihom kien hemm *surface area* akbar li fuqhom seta' jaħkem ir-riħ, mingħajr ma l-istess stuttura kellha biżżejjed *support* fil-qiegħ (ara relazzjoni tal-Inġinier Farrugia li jifforma parti mill-atti tal-inkjesta tal-Maġistrat Inkwirenti a fol 182). Din l-istabilità setgħet tinkiseb billi l-istruttura tintrabat permezz ta' *guy-ropes* jew isirilha aktar piż fuq in-naħa t'isfel permezz ta' *sandbags.* Dawn il-miżuri jfissru li jkun qiegħed jiġi minimizzat ir-riskju li l-istruttura tinqaleb (ara x-xhieda a fol. 638 sa 661). Il-piż meħtieġ sabiex jinkiseb l-effett mixtieq huwa riżultat ta' kalkoli tad-disinn tal-istruttura li tkun ser tintrama. Kif ġustament osservat fl-appell inċidentali għalkemm jista' jkun li sistema adottata tkun ħadmet għal snin twal mingħajr aċċident, mhix prova li s-sistema hija waħda sigura u l-fatt stess li jkun seħħ l-aċċident, huwa prova ta' dan.

27. Minn dan kollu jirriżulta li, għalkemm Attard ħa numru ta' miżuri sabiex inaqqas ir-riskji, kunsidrat it-tbassir ta' riħ qawwi, kien ikun għaqli għalih li jqabbad Inġinier professjonist li seta' jagħmel il-kalkoli meħtieġa sabiex jiġu evalwati r-riskji u l-istruttura tkun waħda stabbli, qabel ma seħħ l-inċident u mhux wara. Dan peress li għalkemm Attard kellu

esperjenza f'dan il-qasam, ma kellux l-għarfien tekniku u xjentifiku meħtieġ, jew is-serħan il-moħħ li l-istruttura armata minnu kienet ser tkun stabbli u sigura, kunsidrat ir-riħ qawwi mbassar għall-avveniment li kien ser ikun miftuħ għall-pubbliku. Hekk kienu jiddettaw il-prudenza u l-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja. Fin-nuqqas ta' dan in-nuqqas ta' *risk assessment* professjonali, jirriżulta li l-konvenut Attard ukoll għandu jġorr parti mill-ħtija tal-akkadut, u dan b'applikazzjoni tal-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili, fis-sens li : Kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu u li jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Minn eżami mill-ġdid tal-provi, jirriżulta ċar għal din il-Qorti, li hemm kawżalità bejn l-għemil t'Attard u l-ħsara li ġarrbet l-attriċi, li jorbtuh mar-responsabbiltà għad-danni konsegwenti.

28. Isegwi li din il-Qorti tqis li għandhom raġun kemm l-konvenuti appellanti prinċipali Kunsill Lokali, Kevin Micallef u Alan Bugeja, kif ukoll l-atturi appellanti inċidentalment f'dan l-aggravju tagħhom, li l-konvenut Maurice Attard kellu jinstab ukoll personalment responsabbli għall-inċident taħt eżami u għalhekk jeħtieġ li s-sentenza appellata tiġi riformata f'dan is-sens.

29. Imiss li jiġi trattat ir-raba' aggravju tal-Kunsill Lokali, dak fejn jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li huwa wkoll kien

responsabbli għall-akkadut, meta la kien l-organizzatur, u lanqas ma kien responsabbli mill-armar tal-istruttura li bih korriet l-attriċi. Isostni li l-fatt li ħareġ il-permess tal-Pulizija favur il-Kunsill, il-permess li nħareġ mill-Kunsill lil Bugeja u Micallef, u l-fatt li kellu polza tal-assikurazzjoni ma kellhomx jitfgħu responsabbiltà fuq il-Kunsill.

30. Jirriżulta aċċertat minn din il-Qorti, li l-avvenimenti li kienu jiġu organizzati mill-konvenuti Micallef u Bugeja kienu jsiru b'kollaborazzjoni mal jew aħjar taħt l-auspiċi tal-Kunsill Lokali (ara fol.402), hekk kif filwaqt li l-Kunsill kien jagħti l-approvazzjoni tiegħu favur l-organizzaturi, l-istess Kunsill kien japplika f'ismu għall-permess mal-Pulizija sabiex jittella' l-festival ta' mużika u marbut fost l-oħrajn b'żewġ kundizzjonijiet fl-ittra tal-5 ta' Settembru, 2008, li biha l-Pulizija fissru li ma kellhomx oġġezzjoni:

> *"5. Event is to be covered by a policy of insurance of 582,343,35 euros (LM250,000) in respect of injury or death of any person attending the event.*
>
> *...*
>
> *12. Licensee must ensure that the area in the immediate vicinity of the venue does not constitute any sort of danger to patrons attending event."* (ara inkartament esebit a fol. 581).

B'rabta ma' dan, għalkemm din il-Qorti tasal li taqbel mal-Kunsill li l-fatt li huwa kellu polza ta' assikurazzjoni m'għandhiex tittieħed fiha nnifisha u waħedha bħala bażi ta' responsabbiltà, dan il-fatt waħdu ma jeżonorax lill-Kunsill minn kull responsabbiltà. Jibqa' l-fatt li, b'rabta mal-klawsola l-oħra (numru 12), il-Kunsill Lokali huwa responsabbli mhux biss għax-

xogħlijiet li jitwettqu fuq il-postijiet li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħu, iżda għandu wkoll obbligu legali ta' viġilanza u kontroll fuq dawk il-postijiet pubbliċi li jintużaw mill-pubbliku fil-lokalità. Huwa f'dan il-kuntest li wieħed irid iqis il-kundizzjoni numru 12 tal-korrispondenza maħruġa mill-Pulizija.

31. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-28 ta' Jannar, 2008, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Saliba v. Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar et:**

> *"Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi afidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza bon sens u ta' zvolgiment ghaqli f'kul parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn eskluzzjoni ta' xoghlijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija li jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dan sancit fl-artikolu 1031 tal-Kodici Civili."*

Hekk ukoll, f'sentenza aktar reċenti ta' din il-Qorti tal-4 ta' Mejju, 2022, fil-kawża fl-ismijiet **Avv. James D'Agostino *nomine* v. Hotel San Antonio p.l.c et:**

> *"...il-Kunsill Lokali kellu obbligu legali proprju li jissorvelja l-postijiet pubbliċi li jaqgħu entro l-konfini tiegħu u jiżgura li dawn huma idoneji għall-użu tal-pubbliku, jew jieħu l-passi neċessarji biex jipproteġi lill-pubbliku jekk irriżultalu li ma kinux. Mill-provi jirriżulta manifestament li l-Kunsill Lokali appellant naqas minn dan l-obbligu u għaldaqstant l-ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li anke hu għandu jwieġeb għad-danni sofferti mill-attur."*

32. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, il-fatt li l-Kunsill Lokali, bħala entità pubblika, huwa mogħti bil-liġi s-setgħa li joħroġ permess sabiex persuna tkun tista' tagħmel xi attività jew divertiment pubbliku, f'xi triq (ara sub-artikolu(1) tar-Regolament 11 tal-Liġi Sussidjarja 441.04) kellu wkoll l-obbligu inerenti li jassigura li s-sit li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu ma jikkostitwix perikolu għall-pubbliku. Dan huwa ċar ukoll mill-fatt li l-istess regolamenti (11(6)(e)) jimponu li fejn ikun ser jintrama' dawl elettriku fit-toroq, l-applikant għandu jippreżenta ċertifikat mingħand elettriċista liċenzjat li l-apparat ikun fi stat tajjeb u ħieles minn kull perikolu. Kwindi, kien obbligu għall-Kunsill li meta ħareġ l-approvazzjoni tiegħu għall-avveniment mużikali, li huwa jeħtieġ ukoll mill-organizzaturi mhux biss l-imsemmi ċertifikat mingħand elettriċista, iżda wkoll li kull struttura mwaqqfa kellha tiġi debitament iċċertifikata minn Inġinier kompetenti jew persuna kompetenti biex jiċċertifika kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà, dan sabiex jassigura ruħu li l-avveniment li huwa ħareġ permess għalih, ikun wieħed li ma jesponix lill-terzi persuni li jattendu l-avveniment għal-perikolu bla bżonn. Fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-Kunsill qeda l-funzjoni tiegħu b'diliġenza u għalhekk għandu jwieġeb għad-danni li jsegwu. Dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbiltà tal-organizzaturi jew tal-kuntrattur li rama' l-istruttura inkwistjoni. Madankollu, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' din il-Qorti, marbuta ma' dan l-aggravju tal-Kunsill Lokali, għalkemm għal raġunijiet differenti mogħtija mill-Ewwel Qorti, ma tqisx li dan l-aggravju tal-Kunsill Lokali jimmerita li jiġi milqugħ.

33. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tal-Kunsill Lokali, li għal darb'oħra jinsab rifless ukoll bħala parti mir-raba' aggravju tal-konvenuti Micallef u Bugeja u t-tielet aggravju tas-soċjetà konvenuta Sonlit Limited, dak dwar il-komputazzjoni tal-imgħaxijiet.

34. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-aggravju mressaq mill-konvenuti appellanti, fis-sens li l-imgħax jiskatta b'effett mid-data tal-ewwel sentenza sakemm jitwettaq il-ħlas kollu. Kif ritenut kostantament fil-ġurisprudenza tagħna, ladarba t-talba attriċi kienet waħda *da liquidarsi,* il-prinċipju għandu jkun dak ta' *in illiquidis non fit mora*, jiġifieri l-interessi jibdew jiddekorru mid-data li fiha tkun stabbilita s-somma dovuta, permezz ta' sentenza tal-Qorti. F'dan ir-rigward, issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2015, fl-ismijiet **Emanuel Hayman et v. Mary Caruana et**, peress li l-prinċipji enunċjati fir-rigward, għandhom japplikaw ukoll fil-każ odjern:

> "*F'din il-kawza wiehed jifhem li l-ammont inkwistjoni ma tantx kienet determinabbli meta bdew il-proceduri u ghalhekk aktar rilevanti ghall iskop ta' dan il-kaz, hija s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Anthony Turner v. Francis Agius (deciza fit-28 ta' Novembru 2003) fejn il-Qorti ordnat il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument l-ammont likwidat kien evidenti ghall-konvenut u l-Qorti jidrilha li ghandha ssegwi din il-gurisprudenza (segwita anke f'sentenzi ohra ricenti ta' din il-Qorti ara per ezempju Tania Vassallo v. Anna Rita Camilleri, deciza 30 ta' Jannar 2014) u tordna li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Prim'Awla ghall-istess ragunijiet.*"

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, dan ma kienx każ fejn il-ħlas tad-danni kien faċilment determinabbli, jew li dan kien każ li kien jimmerita eċċezzjoni għal din ir-regola, kif tikkontendi l-attriċi fi-risposta tagħha. Kwindi, ladarba r-responsabbiltà tal-konvenuti appellanti kienet stabbilita permezz tas-sentenza appellata, l-imgħax jiddekorri minn dakinhar. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza aktar reċenti ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet **Frederick Catania v. Ta' Mattew Fish Farm Limited**). Għalhekk dan l-aggravju dwar l-imgħaxijiet jitiqies li jimmerita li jiġi milqugħ.

35. Imiss li jiġu trattati l-aggravji mqanqla mill-konvenuti Kevin Micallef u Alan Bugeja fir-rikors tal-appell tagħhom, l-ewwel wieħed ikun li l-inċident ma seħħx tort tagħhom, iżda kien tort tal-kuntrattur inkarigat mill-installazzjoni tal-armar, jiġifieri Sonlit Limited, flimkien ma' Maurice Attard. Jinvokaw l-Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili sabiex isostnu n-nuqqas ta' responsabbiltà tagħhom.

36. Jibda biex jingħad illi r-relazjoni ta' dawn il-konvenuti mal-atturi hi waħda kuntrattwali li nibtet meta biegħu l-biljetti għall-attività u għalhekk inħoloq kuntratt li jagħti servizz bi ħlas. Tabilħaqq huwa paċifiku li l-konvenuti Micallef u Bugeja nkarigaw lis-soċjetà konvenuta Sonlit Limited bl-armar ta' struttura, sabiex ikun hemm id-dawl meħtieġ għall-avveniment mużikali organizzat minnhom. Il-fatt waħdu li huma ma kinux

il-persuni li wettqu x-xogħlijiet t'armar, ma jeżonorax lill-istess konvenuti mir-responsabbiltà. Dan jingħad, mhux biss peress li kif osservat mill-Ewwel Qorti, l-istess konvenuti bħala organizzaturi kellhom l-obbligu li jassiguraw ruħhom li l-avveniment, inkluż il-post fejn dan kien ser isir kien wieħed sigur għall-pubbliku, inkluż jekk meħtieġ, li jħassru l-avveniment u jippostponuh għal data oħra minħabba tbassir tar-riħ qawwi, iżda wkoll li jitolbu lill-kuntrattur dokument li bih tiġi ċċertifikata l-istabbilità tal-istruttura minnu mwaqqfa.

37. Lanqas taqbel mal-konvenuti appellanti fejn jittantaw jixħtu r-responsabbiltà sħiħa fuq il-Kunsill Lokali. Kif ġustament osservat mill-attriċi appellata, hija ħallset biljett sabiex daħlet għall-avveniment organizzat mill-konvenuti Bugeja u Micallef. Mill-provi jirriżulta li d-dħul mill-bejgħ tal-biljetti kien ser jingħabar mill-istess Bugeja u Micallef, li wara l-avveniment kienu jagħmlu donazzjoni favur il-Kunsill Lokali. Hekk kif l-attriċi ħallset il-biljett tad-dħul, hija kellha kull dritt tippretendi mill-organizzaturi, li s-sit fejn kien qiegħed isir l-avveniment huwa wieħed sigur u ħieles mill-perikli. Isegwi li l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti Micallef u Bugeja ma jreġix u ser jiġi miċħud.

38. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti Micallef u Bugeja, dak fejn jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma tatx interpretazzjoni tajba dwar il-prinċipju tal-każ fortuwitu. Għalkemm il-konvenuti appellanti

Micallef u Bugeja jittantaw jatribwixxu l-akkadut għal fatturi totalment barra mill-kontroll tagħhom, meta jsemmu li apparti r-riħ qawwi mbassar li kien ilu għaddej ġurnata sħiħa ma kellux effett fuq l-istruttura mertu tal-każ, iżda li fil-mument tal-inċident din intlaqtet minn buffura ta' riħ jew tromba tal-arja, li ma tirriżultax minn xi twissija maħruġa mill-Uffiċċju Metejoroliġiku li allura ma setgħu qatt jipprevjenu għaliha, jiġi mfakkar li in tema ta' forza maġġuri, fir-rigward tad-difiża tal-każ fortuwitu, il-ġurisprudenza hi ċara fis-sens li meta l-akkadut ilmentat ikun konsegwenza ta' azzjoni jew ommissjoni tal-bniedem, din il-linja difensjonali ma tistax tirnexxi. Kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Jannar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Grace Farrugia et v. Sun Aviation Limited et:**

> *"Kif ingħad mill-Prim'Awla fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2012, fil-kawża fl-ismijiet* ***Anthony Cassar et noe v. Air Malta p.l.c****.:*
>
> > *"Id-difiza tal-forza magguri kif spjegat b'mod tant car il-Qorti fil-kawza Anthony Borg et vs Dr. Tonio Mallia et noe deciza fil-31 ta' Jannar 2012 tehtieg li ma jridx ikun hemm xi sehem, pozittiv jew negattiv (fis-sens ta' omissjoni jew nuqqas) tal-bniedern". Minbarra dan, huwa mghallem ukoll li* ***biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm grajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tigri mill-forzi tan-natura, imma jehtieq li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diligenza ordinarja tal-bonus pater familias****": Hekk ukoll bl-istess mod, fejn xi hadd jallega li jkun sab ruhu f'qaghda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-accident, ikun irid tabilfors juri li jkun sab ruhu f'dik il-qaghda bla htija tieghu.* ***"Inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his parta' ", Ghaldaqstant, id-difiza tal-accident inevitabbli ma tistax titqajjem b'success jekk kemm-il darba tirrizulta negligenza min-naha ta' min jinvokaha*** *[(ara wkoll App Civ 16/1/1984 fil-kawza fl-ismijiet Nazzareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et (mhix pubblikata)]".* (enfasi ta' din il-Qorti).

39. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-assjem tal-provi, u taqbel mal-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti li rriskontrat nuqqasijiet fl-operat tal-kumpanija Sonlit Limited u ma tinsabx konvinta li din tassew għamlet dak kollu li kien fil-kontroll tagħha jew li eżerċitat id-diliġenza meħtieġa minn *bonus pater familias* sabiex jiġi evitat l-inċident suġġett ta' din il-kawża. Hekk kif ġie riskontrat nuqqas, kemm tal-kuntrattur, kif ukoll tal-organizzaturi konvenuti appellanti, isegwi li dan l-aggravju dwar il-każ fortuwitu, ma jistax ikun ta' fejda għall-konvenuti appellanti Bugeja u Micallef.

40. Filwaqt li t-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti jinsab trattat fil-paragrafi 19 sa 28 ta' din is-sentenza, jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tal-konvenuti appellanti Bugeja u Micallef, li jitratta żewġ punti: l-kwantifikazzjoni tad-danni u l-komputazzjoni tal-imgħax. Dan l-aħħar punt ġie trattat ukoll f'paragrafu 34 tas-sentenza. Għalhekk jonqos biss li fil-każ ta' dan l-appell jiġi ndirizzat l-ewwel parti tar-raba' aggravju.

41. Inkwantu l-aggravju tal-konvenuti appellanti dwar il-komputazzjoni tad-danni, jittratta l-*multiplier* adottat mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tfakkar li fuq din it-tema tal-*multiplier,* m'għandux sempliċement jitqies li l-età lavorattiva hija dik ta' 65 sena u wara li tiġi kkunsidrata l-età tad-danneġġata fil-mument tal-inċident, isir sempliċi tnaqqis. Issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Marzu, 2021, fil-kawża fl-ismijiet

**Juanita Muscat v. Leisure and Theme Park Limited**, fejn b'referenza għal dan il-punt ingħad:

> *"24. Fir-rigward tal-multiplier, il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza riċenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Bonanno Joseph v. Malta Freeport Terminals Limited** (Appell, 27/03/2020) fejn intqal illi:*
>
> > *"Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkumenta fir-rigward tal-multiplier f'diversi okkazjonijiet ohra, ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-età tad-danneggjat fil-mument li sehh l-incident, normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-età tal-irtirar, u l-età tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-multiplier irid jinkorpora go fih dak l-element ta' chances and changes of life or vicissitudes of life. Il-kuncett ta' chances and changes of life, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa età avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-working life expectancy m'ghandux ikun ikkonsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-multiplier. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza Francis Gauci v. Jimmy Bugeja, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet Anthony Turner et v. Francis Agius et deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:*
> >
> > > *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income. " (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)*
> >
> > *"Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-multiplier: "A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." (Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122)."*

42. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, kunsidrat li m'għandux jittieħed biss il-*maximum working life expectancy* imma għandhom jittiehdu inkonsiderazzjoni wkoll ic-*chances and changes of life,* tqis xieraq il-*multiplier* adottat mill-Ewwel Qorti fil-każ in ezami, fejn l-attriċi

kellha biss sbatax-il sena meta seħħ l-inċident. Għalhekk żgur ma tqisx ġustifikat l-ilment tal-appellanti, li l-*multiplier* ta' 37 adottat mill-Ewwel Qorti, bħala wieħed eżaġerat.

43. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar parti tar-raba' aggravju tal-konvenuti appellanti Micallef u Bugeja, dak fejn jikkontendu li ma kellux isir tnaqqis ta' 8% bħala *lump sum payment*, iżda kellu jsir it-tnaqqis ta' 20%.

44. Dwar it-tnaqqis tal-*lump sum,* skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, il-perċentwal ta' tnaqqis minħabba l-ħlas ta' *lump sum payment* jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum għaddejja. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **John Muscat v. Camray Limited et**). Dan it-tnaqqis fil-perċentwal jibda jiddekorri minn dakinhar li tkun ġiet intavolata l-kawża, sakemm tingħata s-sentenza finali. Fil-fatt ġie spjegat illi, ir-raġuni għalfejn issir din ir-riduzzjoni hija sabiex ittaffi l-iżvantaġġ illi jikkawża l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*, b'applikazzjoni ta' liema f'każijiet bħal dawn, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tal-intavolar tal-azzjoni. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tal-1 ta' Diċembru, 2021, fl-ismijiet **Anthony *sive* Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited** u dik tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Silvan Farruġia v. Carmelo Gatt et**).

45. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara b'eżempju s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited** et deċiża fit-30 ta' Ġunju, 2021 u dik ta' **Frederick Catania v. Ta' Mattew Fish Farm Limited** msemmija qabel). B'applikazzjoni tal-istess prinċipji, għalkemm it-tnaqqis ta' 8% seta' kien xieraq meta ngħatat l-ewwel sentenza, kunsidrat li s-sentenza finali ser tingħata wara erbatax-il sena minn meta ġiet intavolata l-azzjoni attriċi, din il-Qorti ma tqisx li għandu jsir tnaqqis ulterjuri bħala *lump sum payment.*

46. Imiss issa li jiġi trattat l-appell tas-soċjetà konvenuta Sonlit Limited. Dak fejn jingħad li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament sħiħ tal-provi u s-sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet. Jibda billi jiġi osservat li, fil-konsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti mhix tenuta li toqgħod telenka l-provi kollha mressqa mill-partijiet, aktar u aktar f'każ bħal dan fejn il-provi huma pjuttost voluminużi. Dak li huwa meħtieġ minn sentenza tal-Qorti huwa li, wara li tagħmel referenza għat-talbiet attriċi u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tagħti r-raġunijiet tagħha l-għala tkun qiegħda tiddeċiedi l-kawża, b'dan illi ovvjament, id-deċiżjoni tkun waħda motivata u bbażata fuq dak li jirriżulta mill-provi fl-atti. Din il-Qorti tqis li s-sentenza appellata tirrifletti dawn il-kriterji u għandha l-elementi kollha meħtieġa li jwasslu lil

min jaqra s-sentenza jifhem il-għala ntlaqgħu t-talbiet tal-attriċi Kravchenko.

47. Wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha tal-proċess, m'għandha l-ebda dubju illi l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tajba u ġusta fiċ-ċirkostanzi meta qieset li s-soċjetà konvenuta appellanti, bħala l-kuntrattur inkarigata mill-armar tal-istruttura li għelbet għal fuq numru ta' persuni li kienu qegħdin jattendu l-avveniment, għandha ġġorr ukoll ir-responsabbiltà għall-inċident mertu ta' din il-kawża. Ma ntweriet l-ebda raġuni jew motiv gravi li jistgħu jwasslu lil din il-Qorti biex twarrab l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Dan qiegħed jingħad għal bosta raġunijiet, fosthom:

(i) mhuwiex kontestat li s-soċjetà konvenuta Sonlit Limited kienet inkarigata mill-konvenuti Micallef u Bugeja sabiex twettaq l-armar tal-istruttura li fuqha kellu jintrama' d-dawl (ara fol. 535 u 561);

(ii) minkejja li din il-Qorti rat ir-rapport tal-Inġinier C. Cuschieri (esebit fl-atti a fol. 614 tal-proċess) li fih analiżi dettaljata tal-istruttura li ntramgħet għall-avveniment inkwistjoni, li wara li qies il-piż komplessiv tal-istruttura u r-riħ imbassar għal dakinhar wasal fost affarijiet oħra għall-konklużjoni li - l-istruttura kienet waħda professjonali li tintuża għal dan it-tip t'armar; - l-istruttura hija tat tip miftuħ u r-riħ qajla jagħmel

forza fuqha; il-forza tar-riħ bil-forza mbassra ta' 4 sa 5 seta jagħmel biss forza ta' 138N fuq l-istruttura, iżda l-forza meħtieġa sabiex l-istruttura tibda tiċċaqlaq kienet dik ta' 820N li tiġi minn riħ ta' forza 8; - għalhekk ma kienx prevedibbli li l-istruttura tinqaleb u dan jingħad li għandu jeħles lill-konvenuti Sonlit Limited u Maurice Attard minn kull responsabbiltà; - r-raġunijiet li fil-fehma tal-espert *ex parte* setgħu kkaġunaw l-istruttura tinqaleb kien jew riħ straordinarju ta' forza 9 jew 10, jew li l-istruttura nġibdet minn xi nies, imma aktarx li din l-aħħar ipoteżi mhix probabbli li seħħet.

(iii) Jibqa' l-fatt li, l-Inġinier Claude Farrugia inkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti baqa' jsostni li: - din it-tip ta' struttura hija waħda li tintrama' kemm fuq ġewwa kif ukoll tista' tintrama' fuq barra(fol. 656); - sabiex tintrama' fuq barra, jeħtieġ li wieħed iqis il-kwistjoni ta' stabbilità, speċjalment dak li jagħmel forza esterna fuqha, jiġifieri r-riħ (fol. 658); - sabiex tiġi armata fuq barra u din l-istruttura tkun stabbli, kif ukoll jiġi minimizzat ir-riskju, jeħtieġ li tkun mogħnija jew b'sistema ta' piż addizzjonali bħal *sandbags* jew marbuta bis-sistema ta' *guy ropes* sabiex ikollha *lateral support* (fol. 670)*;* - din ix-xhieda tal-Inġinier fil-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ġiet ribadita quddiem l-Ewwel Qorti (fol.770-772);

(iv) In materja ta' perizja ġudizzjarja, huwa minnu li l-Qorti mhix marbuta mal-konklużjonijiet li jaslu għalihom il-periti tekniċi nominati minnha fir-rapporti tagħhom, kontra l-konvinzjoni tagħha (Artikolu 681 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u li tali rapporti jservu biss biex jassistu lill-qrati u mhux biex jorbtuhom, (*dictum expertorum numquam transit in rem iudicatam*). Iżda għalkemm il-Qorti għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa li tqis dawk l-elementi tal-prova li jinstabu fil-proċess, inkluż ir-rapport peritali, l-istess rapport ma jistax jiġi skartat kapriċċożament jew leġġerment, iżda biss f'każijiet fejn ikun hemm raġunijiet serji għaliex dan għandu jiġi skartat (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Philip Grima v. Carmelo Mamo** deċiża fid-29 ta' Mejju, 1998). Dan peress li, fl-aħħar mill-aħħar, il-konsiderazzjonijiet tal-perit tekniku maħtur mill-Qorti jikkostitwixxu skont il-liġi, prova ta' fatt li għandha tkun meqjusa bħala tali. Fil-fatt tajjeb jingħad ukoll li l-konvinzjoni kuntrarja tal-Qorti għandha tkun ben infurmata u bbażata fuq raġunijiet li jpoġġu f'dubju serju dik l-opinjoni teknika u b'raġunijiet li ma jkunux nieqsa minn konsiderazzjonjiet tekniċi dwar il-materja in eżami. Il-*giudizio dell`arte* espress mill-perit tekniku ma jistax u m'għandux, jiġi skartat faċilment, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Ġunju, 1967, fil-kawża fl-ismijiet **Giswarda Bugeja et v. Emanuele Muscat et**, Kollez. Vol. LI.I.389). Għalkemm rapporti *ex*

*parte* jista' jkollhom effett probatorju, il-Qrati huma naturalment dejjem aktar inklinati li joqgħodu u jadottaw il-parir tal-esperti li jkunu ġew maħtura minnhom fil-proċeduri. Dak ir-rapport, li jkun ta' natura teknika, ġeneralment jagħmel prova inkonfutabbli u imparzjali għad-determinazzjoni tal-kawża (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Grech et v. L-Avukat Dr Antoine Cachia et**);

(v) Għalkemm f'dan il-każ l-Inġinier Claude Farrugia ma kienx espert nominat mill-Ewwel Qorti, iżda kien l-espert inkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti waqt l-inkjesta, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, li straħet fuq din l-opinjoni. Dan jingħad peress li d-deċiżjoni hija waħda raġonevoli, fis-sens li l-għaqal jiddetta li fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà tal-pubbliku li jkun qiegħed jattendi avveniment simili m'għandhomx jinqatgħu kantunieri jew jittieħdu riskji bla bżonn, iżda għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jassiguraw ambjent sigur. Ċertament aħjar li tittieħed miżura addizzjonali ta' sigurtà milli jkollok xofa wara, meta membri tal-pubbliku sfaw imweġġa'.

48. Għalhekk minkejja mhux kontestat li s-soċjetà konvenuta kellha esperjenza f'dan il-qasam t'armar ta' struttura u minkejja li s-soċjetà Sonlit Limited, permezz tad-direzzjoni mogħtija mid-direttur tagħha Maurice

Attard, ħadet numru ta' prekawzjonijiet fl-armar tal-istruttura, kunsidrat it-tbassir ta' riħ qawwi, din il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjetà konvenuta appellanti m'għamlitx dak kollu li kien mistenni minn *bonus pater familias* fit-twettiq tal-inkarigu mogħti lilha, peress li kien hemm miżuri addizzjonali li setgħu u messhom ittieħdu fl-armar tal-imsemmija struttura, li kienet qiegħda tintrama' fl-apert, meta kien hemm tbassir ta' riħ qawwi, li minnu nnifsu huwa magħruf jista' jkun imprevedibbli. Kif spjegat qabel f'paragrafi 41 u 42 ta' din is-sentenza, taħt l-aggravju dwar il-forza maġġuri, id-difiża ta' każ fortuwitu ma tistax tirnexxi meta tirriżulta ommissjoni jew nuqqas tal-persuna li tkun qiegħda tinvoka dik id-difiża.

49. Jiġi ribadit li l-fatt li l-metodu t'armar tal-istruttura kien ilu jintuża għal snin twal mingħajr ebda inċident, mhux prova sodisfaċenti li s-sistema jew il-metodu huwa wieħed sigur u l-inċident in eżami huwa prova ta' dan. Għalhekk, magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, is-soċjetà konvenuta appellanti għandha wkoll iġġorr ir-responsabbiltà għal dak li ġara, hekk kif l-aġir tagħha jikkozza ma' dak li tipprovdi l-liġi f'dak li għandu x'jaqsam aġir prudenti mistenni minn *bonus pater familias*, u jsegwi li dan l-aggravju tagħha ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

50. It-tieni aggravju tas-soċjetà konvenuta appellanti jitratta l-*quantum* tad-danni. Sa fejn is-soċjetà konvenuta appellanti tilmenta dwar il-perċentwal ta' diżabilità adottat mill-Ewwel Qorti, issir referenza għall-

paragrafu 14 ta' din is-sentenza dwar il-materja. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellanti f'dan l-aggravju, ma hemmx id-distakk fil-perċentwali msemmija minnha, għar-raġuni li għalkemm il-perit mediku *ex parte* ħareġ bil-perċentwal ta' 52% ta' diżabilità tal-attriċi fl-2009, l-istess perit mediku *ex parte* wara li fl-2010 kienet ħarġet *White Paper* mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern, dwar kif tiġi stmata d-diżabilità permanenti, fejn il-parapliġija kompleta fil-livell li għandha l-attriċi, ġiet stmata minnu fil-perċentwali ta' bejn 70% u 75%, anzi meta xehed fl-2011, fisser l-opinjoni li l-attriċi taqa' fil-perċentwal massimu. Din l-opinjoni taqbel sew mal-fehma tal-perit mediku maħtura mill-Ewwel Qorti, u għalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni li tiddubita l-fehma tal-imsemmija esperti li qablu fil-konsiderazzjonijiet tagħhom, meta waslu għall-perċentwal ta' diżabilità mġarrab mill-attriċi. Isegwi li dan l-aggravju wkoll ma jitqisx bħala wieħed xieraq.

51. It-tieni punt taħt it-tieni aggravju mqanqal mis-soċjetà konvenuta appellanti huwa dwar it-tnaqqis tal-*lump sum payment* adottat mill-Ewwel Qorti. Dan ġie trattat taħt paragrafi 47 u 48 ta' din is-sentenza, fil-konsiderazzjoni tagħha ta' wieħed mill-aggravji tal-konvenuti appellanti Micallef u Bugeja, u sabiex ma jkunx hemm repetizzjoni, issir referenza għall-istess konsiderazzjonijiet. Jiġi puntwalizzat biss li mhuwiex minnu li l-proċeduri odjerni twalu għal raġunijiet imputabbli lill-atturi, hekk kif

dawn għalqu l-provi tagħhom fit-30 ta' Settembru, 2011 (fol. 447) jiġifieri sentejn wara li fetħu l-kawża.

52. Mentri, fir-rigward tat-tielet aggravju tas-soċjetà konvenuta appellanti, li jitratta l-kontestazzjoni tal-komputazzjoni tal-imgħax akkordat mill-Ewwel Qorti, dan ġie trattat f'paragrafu 34 ta' din is-sentenza u ma hemmx ħtieġa li ssir repetizzjoni inutili. Jingħad biss li dan l-aggravju tas-soċjetà konvenuta appellanti, għall-istess raġunijiet imfissra qabel, jimmerita li jiġi milqugħ.

53. Jonqos li jiġi trattat l-appell inċidentali tal-atturi Vladyslava Kravchenko u Tetyana Gordiyenko. L-ewwel aggravju tagħhom jitratta l-argument li l-konvenut Maurice Attard kellu wkoll jinstab responsabbli personalment għall-inċident inkwistjoni, flimkien mal-konvenuti l-oħra f'din il-kawża. Fil-verità dan l-argument ukoll ġie trattat minn din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet tat-tielet aggravju tal-Kunsill Lokali appellant, u a skans ta' repetizzjoni ssir referenza għall-paragrafi 21 sa 27 ta' din is-sentenza u tikkonferma li dan l-aggravju ser jiġi milqugħ.

54. L-ewwel punt fit-tieni aggravju fl-appell inċidentali tal-atturi, jitratta l-fatt li l-Ewwel Qorti naqset milli tillikwida danni favur l-attriċi Tetyana Gordiyenko, omm l-attriċi l-oħra Kravchenko. Din il-Qorti rat ix-xhieda ta' Gordiyenko u għalhekk tista' tapprezza kif il-ħajja tat-tifla u tal-omm

inbidlet mil-lejl għan-nhar, hekk kif jingħad li matul l-ewwel erba' xhur wara l-inċident fejn l-attriċi Kravchenko kienet rikoverata fl-isptar, hija (Gordiyenko) kellha tieqaf taħdem kompletament sabiex tkun ta' għajnuna għat-tifla. Wara li t-tifla ħarġet mill-isptar, kellhom jibdlu r-residenza tagħhom sabiex it-tifla jkollha aċċessibilità aħjar permezz ta' lift.

55. Madankollu l-prinċipji kardinali marbuta mal-grad tal-provi jibqgħu dawk ta' *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Fil-fatt l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u li l-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li, issirilha l-aħjar prova li parti tista' ġġib (Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Ġunju, 1953, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Zammit v. Joseph Hili**, insibu: "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"*." Għalhekk fil-kamp ċivili, element neċessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal għad-deċiżjoni tagħha fuq il-bażi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur laħaq l-oneru tal-prova mitfugħ fuqu.

56. Meta din il-Qorti tapplika dan il-prinċipju għall-każ in eżami, ma tirriżulta l-abda dokumentazzjoni li l-attriċi Gordiyenko kienet fil-fatt

taħdem qabel l-inċident. Għalkemm tabilħaqq huwa minnu li l-attriċi Kravchenko fl-affidavit tagħha tagħti rendikont ta' diversi spejjeż li nkorriet konsegwenza tal-inċident, u fosthom issemmi s-somma ta' €7,000 li tilfet ommha bħala dħul mix-xogħol tagħha (fol. 449) li ġie kkalkolat bir-rata ta' €700 fix-xaħar għal għaxar xhur (mhux erbgħa kif jirriżulta mir-rapport tal-perit mediku a fol. 670), ma ġewx imressqa quddiem il-Qorti d-dokumenti u rċevuti *in sostenn* ta' diversi pretensjonijiet tal-atturi, fosthom din. Kien ikun utli għall-attriċi Gordiyenko li kieku ressqet prova tad-dħul tagħha kemm qabel l-inċident, kif ukoll wara, bl-iskop li ssostni l-pretensjonijiet tagħha dwar it-telf ta' dħul li jingħad li ġarrbet. Huwa minnu li fl-aħħar tal-affidavit tagħha l-attriċi Kravchenko qalet li tkun lesta li tressaq l-irċevuti u d-dokumenti meħtieġa f'każ li l-Qorti titlobhom. Kif ukoll, id-difensur tal-atturi waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru, 2011, iddikjara li peress li hemm numru sostanzjali ta' rċevuti dawn mhumiex qegħdin jiġu esebiti, iżda li kienu disponibbli f'każ li dawn ikunu meħtieġa mill-konvenuti. Madankollu, dan mhux il-mod kif għandhom jitressqu l-provi! L-obbligu tal-partijiet huwa li jressqu l-aħjar prova u mhux joqgħodu jistennew lil xi ħadd li jitlobilhom. Lanqas il-fatt li dawn l-irċevuti huma sostanzjali ma hija raġuni valida. Wara kollox l-atturi appellanti ma qagħdux jiddejqu jippreżentawhom fl-istadju tal-appell.

57. Din il-Qorti mhux ser tqis dawn il-provi f'dan l-istadju inoltrat tal-kawża. L-atturi appellanti jinvokaw l-Artikolu 145 tal-Kap. 12 sabiex

jesebixxu l-istess dokumenti. L-appell inċidentali sar fil-11 ta' Mejju 2018, meta l-Artikolu 145 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, qabel l-emendi magħmula bl-Artikolu 3 tal-Att XXXII tal-2021, kien jippermetti l-produzzjoni ta' dokumenti ġodda flimkien mar-rikors tal-appell, mat-tweġiba u mar-replika. B'dan illi, dan l-artikolu ġie interpretat fis-sens illi dan il-provvediment tal-liġi għandu jinqara u jinftiehem fil-kuntest ta' dik li hija proprjament il-funzjoni ta' Qorti ta' reviżjoni, fis-sens li din il-Qorti m'għandhiex, bħala regola, tqis provi illi ma nġibux quddiem Qorti tal-ewwel grad, għax jekk tagħmel hekk, tkun qiegħda ċċaħħad lill-partijiet mill-benefiċċju tal-eżami doppju. Jingħad "bħala regola" għaliex jista' jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali fejn l-interessi tal-ġustizzja jitolbu li ssir eċċezzjoni għar-regola, bħal meta d-dokumenti setgħu jinġiebu biss f'dan l-istadju jew ir-relevanza tagħhom feġġet biss fid-dawl ta' dak li jingħad fis-sentenza appellata. (Ara l-provvediment mogħti minn din il-Qorti fl-24 ta' Ġunju, 2011, fil-kawża fl-ismijiet **Josef Farrugia v. Christopher Carabott et.)**

58. Kif ukoll, jekk fl-istadju tal-appell il-Qorti faċilment tippermetti l-produzzjoni ta' dokumenti ġodda quddiemha, tkun qiegħda tistultifika kull tentattiv tal-qrati tal-ewwel grad li jirregolaw il-ġbir ordinat tal-provi billi jinsistu illi dokumenti jinġiebu fi żmien utli sabiex ikunu jistgħu jiġu eżaminati qabel is-smigħ u mhux, bħal ma spiss jiġri, jiġu prodotti dokumenti waqt is-smigħ u hekk tinħoloq il-ħtieġa għal differiment "għall-

eżami tad-dokumenti". Jekk id-dokumenti jistgħu jinġiebu liberament flimkien mar-rikors tal-appell, parti tkun tista' tisfida b'impunità kull ordni mogħtija minn Qorti tal-ewwel grad għal dan il-għan. (Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Marco A. Ciliberti *nomine* v. C. Fino & Sons Limited**).

59. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, kunsidrat li d-dokumenti mehmuża mal-appell inċidentali huma dokumenti li huma datati bejn l-2008 u l-2016, u għalhekk setgħu u messhom inġiebu quddiem l-Ewwel Qorti, u ma ngħatat l-ebda raġuni valida għala dawn ma tressqux quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti mhux ser tqishom. Kunsidrat li l-Ewwel Qorti aċċettat bħala ppruvati dawk l-ispejjeż li kienu debitament korroborati (jiġifieri l-ispejjeż għall-ħlas tal-kura fl-isptarijiet u għall-attrezzaturi speċjali), ma tqisx li għandha taċċetta dan l-ilment tal-atturi appellanti inċidentalment. Barra minn hekk, kif ingħad drabi oħra, il-Qorti tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* meta jkun impossibbli għall-attur li jressaq il-provi preċiżi dwar l-entità tagħhom u mhux meta jonqos li jressaq il-provi dwarhom.

60. L-atturi appellanti jressqu wkoll bħala parti minn dan l-aggravju l-argument li kunsidrata d-diżabilità tal-attriċi Kravchenko ta' 75%, l-ispejjeż mediċi u għall-apparat speċjalizzat ser ikunu kontinwi matul ħajjitha. Għalkemm l-atturi ma taw l-ebda indikazzjoni bħala

kwantifikazzjoni ta' dawn it-tip ta' spejjeż, din il-Qorti taprezza li f'dan il-każ ma setgħu jiġu ppreżentati ebda rċevuti. Kif ingħad fis-sentenza reċenti ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ġunju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet **Trevor Grech v. Lawrence Agius**, fejn b'referenza għall-ġurisprudenza hemm ċitata, ċertament spejjeż futuri għall-kura, mediċina u terapija għandhom jitqiesu taħt il-kap ta' *damnum emergens,* (u mhux tat-tip *lucrum cessans* kif donnhom jagħtu x'jifhmu l-atturi fis-sottimissjoniet tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti) u għandhom jinkludu kura minħabba li l-persuna danneġġata tispiċċa dipendenti fuq ħaddieħor. Bħala eżempju, fis-sentenza **John Peter Stanton v. Schembri & Sons Ltd** deċiża fis-27 ta' Jannar, 2021, din il-Qorti llikwidat danni fl-ammont ta' €100,000 minħabba li l-attur kien ser ikollu bżonn iħaddem lil xi ħadd biex jieħu ħsiebu fil-bżonnijiet ta' kuljum.

61. Inoltre, kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **Alexander Caruana v. Daniel Bonniċi** deċiża fil-15 ta' Marzu, 2011, il-kalkolu tad-*damnum emergens* huwa diffiċli li jsir, meta min ikun bata l-ħsara jkun qiegħed jirċievi fil-preżent l-għajnuna ta' kuljum mingħand il-ġenituri tiegħu bla ħlas u 'l quddiem, meta l-ġenituri jikbru u jkollhom bżonn l-għajnuna huma, il-persuna danneġġata jkollha tħallas minn butha lil min jieħu ħsiebha. F'każijiet bħal dawn, huwa leġittimu li l-Qorti tillikwida *arbitrio boni viri* (ara s-sentenza **Grech v. Agius** hawn appena msemmija). Kif riskontrat mill-perit mediku, minkejja li l-attriċi Kravchenko

għandha ċertu indipendenza, hekk kif hija ssuq karozza "*automatic",* taħdem u titħarreġ fl-i*sports* bl-għajnuna ta' *coach* personali, madankollu l-attriċi jkollha bżonn l-assistenza biex tidħol u toħroġ mill-karozza u biex tqandel il-*wheelchair* (ara fol. 670 u 671). Meqjusa dawn iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż il-percentwali ferm għolja ta' diżabilità permanenti din il-Qorti ser tillikwida favur l-attriċi Kravchenko *arbitrio boni viri* s-somma addizzjonali ta' €50,000 sabiex jiżdiedu taħt il-kap tad-danni emerġenti skont l-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk ser tilqa' din il-parti tat-tieni aggravju tal-atturi appellanti inċidentalment.

62. Jifdal sabiex jiġi kkunsidrat it-tielet aggravju tal-atturi appellanti, dak dwar id-danni mhux patrimonjali. Jibda billi jiġi osservat li, sa fejn l-atturi appellanti jisħqu fuq il-ħsara psikoloġika mġarrba mill-attriċi Kravchenko konsegwenza tal-imsemmi inċident, huma ma talbux li ssir xi tip ta' valutazzjoni minn espert psikjatriku jew psikologu, allura dan diġà jpoġġi lill-Qorti f'sitwazzjoni diffiċli sabiex tkun tista' tevalwa din il-pretensjoni. Inoltre, l-emendi fil-liġi ċivili, fejn f'ċertu ċirkostanzi, (reati kriminali li ma jkunux ta' natura involontarja) iddaħlet il-possibilità li jingħataw danni morali u psikoloġiċi, dawn ġew fis-seħħ ferm wara l-inċident (fl-2018). Madankollu, kemm peress li bħala liġi sostantiva, din ma tistax tiġi applikata retroattivament, kif ukoll peress li ma jistax jingħad li d-danni kienu kkawżati minn reat volontarju, dan il-provvediment taħt l-Artikolu 1045, kif emendat, ma jistax jiġi applikat għall-każ taħt eżami.

63. Din il-Qorti hija ben konsapevoli tal-ġurisprudenza konfliġġenti li teżisti dwar din il-materja ta' danni morali jew mhux patrimonjali, madankollu hija ser tkun konsistenti ma' dak li ngħad minnha fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et**, li filwaqt li sejset il-fehma tagħha fuq il-ġurisprudenza hemm ċitata spjegat li:

> *"...din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellant illi fil-ligi Maltija m'hemm l-ebda xkiel ghall-ghoti ta' kumpens morali jew mhux patrimonjali. Il-mod ta' kif jitqiesu d-danni huwa espressament regolat permezz tal-artikolu 1045 tal-Kodici Civili*
>
> *...*
>
> *fil-fehma ta' din il-Qorti huwa car illi l-Qorti hija prekluza milli takkorda danni morali peress illi l-ligi espressament tipprovdi illi d-danni illi l-Qorti tista' takkorda huwa dak ghat-telf effettiv, l-ispejjez inkorsi minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor u t-telf ta' qliegh futur."*

Dan ovvjament ingħad b'rabta mal-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili, qabel l-emendi tas-sena 2018.

64. Isegwi li minkejja li din il-Qorti tifhem illi l-appellanti Kravchenko għaddiet u għadha għaddejja minn tbatija konsegwenza ta' dan l-inċident, li kellu effett devastanti fuq kull aspett tal-ħajja tagħha, u mhux biss fuq l-aspett patrimonjali u allura tissimpatizza magħha, madankollu, din il-Qorti hija marbuta li timxi mal-provvedimenti tal-liġi. Għaldaqstant dan l-aggravju tal-attriċi appellanti għall-ħlas tad-danni morali jew mhux patrimonjali ma jistax jiġi milqugħ.

***Decide***

Għaldaqstant, din il-Qorti tilqa' f'parti l-appelli mressqa mill-konvenut Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, mill-konvenuti Kevin Micallef u Alan Bugeja, minn Stephen Balzan in rappreżentanza u bħala likwidatur ta' Sonlit Limited, kif ukoll tilqa' f'parti l-appell inċidentali tal-atturi Vladyslava Kravchenko u Tetyana Gordiyenko u għar-raġunijiet imfissra qabel, tirriforma s-sentenza appellata billi:

(i) Tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn illiberat lill-konvenut Maurice Attard mill-osservanza tal-ġudizzju u minflok tiddikjarah responsabbli *in solidum* flimkien mal-bqija tal-konvenuti għall-inċident li fih korriet gravament l-attriċi Vladyslava Kravchenko;

(ii) Tillikwida d-danni sa fejn dawn jitrattaw id-*damnum emergens* fis-somma ta' ħamsa u sebgħin elf, sebgħa u tletin ewro, u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€75,037.85[1]) u l-*lucrum cessans* fis-somma ta' erba' mija u sitta u sebgħin elf, ħames mija wieħed u ħamsin ewro, u sitta u tmenin ċenteżmu (€476,551.86[2]), sabiex l-ammont komplessiv ta' danni mġarrba mill-attriċi Vladyslava Kravchenko qegħdin jiġu riveduti

---

[1] €25,037.85+€50,000.
[2] €17,173.04 x 75% x 37.

għall-ammont ta' ħames mija wieħed u ħamsin elf, ħames mija u disgħa u tmenin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€551,589.71);

(iii) Tikkundanna lill-konvenuti kollha *in solidum* sabiex iħallsu din is-somma hekk likwidata lill-attriċi Kravchenko; b'dan illi l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata tal-Ewwel Qorti, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża jinqasmu, inkwantu għall-perċentwal ta' 80% bejn il-konvenuti kollha *in solidum* bejniethom, filwaqt li l-atturi għandhom iħallsu l-perċentwal bilanċjali ta' 20%.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm